# Kemm Inhobbu L-Sant Antnin

(16-18 ta' Frar 2008)

KUMMIEDJA FI TLETT ATTI

KITBA ORIGINALI

TA'

JOHN SCHEMBRI.

Personaggi.

| | |
|---|---|
| Madre | Sor Tereza (xi ftit nervuza) Margaret Buhagiar |
| Sr.Lukrezja | Soru fil kunvent (mohha x'jaghmel haddiehor) Rita Camilleri |
| Toninu | Lavrant ta'Ganni ragel sewwa hafna. |
| Sur Pawl | Skurtur li ha l-intrigu biex jaghmel li-statwa. Fr. Eric Chaccia |
| Ganni | Kuntrattur li mhux l-ewwel darba li hadem fil kunvent. Alfred Borg |
| Sr.Natatalina | Soru fil kunvent li ma tantx tmur tajjeb ma Sr.Luk. Nadia Polidano |
| Sr.Salvina | Soru fil kunvent. Joan Spiteri |
| Sr.Antida | Soru fil kunvent. Susanna Borg |
| Kappillan | Dun Saver xi ftit jew wisq nervuz b'vista baxxa. John Schembri |
| Sindku | Sindku tar-rahal xi ftit jew wisq kalm. Hector Borg |

# *Kemm Inhobbu L-Sant Antnin.*

L-ewwel Att.

(Xena turi kunvent tas-sorijiet bil madre Sor Tereza tidher qeda ccempell u titkellem ma xi hadt fuq it-telefon ) (F'nofs diskursata tidhol Sor Lukrezja minghajr ma tinduna l-madre) (Fil-kamra tidher x'biha zghira ta'sant Antnin f'nicca mmdaqsa.)

Madre — Bongu sur-Pawl,jien cempiltlek ftit biex nara fiex ahna…..tghidlix kemm jiena fitta imma tinsiex li int wedtili ghal festa sur –Pawl………. !(tidhol Sr.Lukrezja) Iva n-nicca kwazi lesta, thabilx rasek,dik hallija f'idi…… (Sr.Lukrezja tiprova taqbad ma min qed titkellem il-madre) Kollox sew meta trid ejja……..ara x'wedtni sur Pawl,qis li zzomm kelmtek……….. mela nistennik ejja halli nitkelmu, sahha ….sahha.

Sor.Luk — Ikolli nghid li mas sur Pawl kont qed titkellem,hux veru madre?

Madre — Ajma x'qata taghtni nirrak isalva ruhek,kemm il-darba ghidtlek biex thabbat qabel ma tidhol,ma tafx li mhux etika li tidhol fuq in-nies minghajr ma jkunu jafu li qeda warajhom,l-anqas li kont xi tifla zhira.

Sr.Luk — Skuzani Madre jien ma riedtx li nntik qata,imma peress li kont qed titkellem fuq it telefon ma ridtx li naqbez fin-nofs!!

Madre — E iva? Ghax ma tajtx li kont qed tissemma,u tiprova tara ma min kont qeda nitkellem….U,x'galek tahseb li mas-sur Pawl kont qed nitkellem?

Sr.Luk — Ghax peress li cempillek xi darbtejn ohra,jien ghidt bejni u bejn ruhi, tghidli qalbi dan is-sur Pawl l-iskultur.

Madre — Mela vera li qeda taghmilli l-ghassa,issa se toghqod tara kemm il-darba jcempluli n-nies?Ara veru mara tbati bil-kurzita int!!

Sor.Luk — Le madre,ghax qed tghidli hekk,issa se niehu ghalija.

Madre — Tista tiehu ghalik kemm trid, imma issa ma jistax ikun li nibqaw sejrin hekk,Sr.Lukrezja din ta'l-ahhar li se nwissik,tilhaqx salib haddiehor, qis qisek u daqshekk!!

Sor.Luk — Ghax ha nghidlek Madre…..

Madre — Ghamilli pjacir u tghidli xejn!!.Iskot l-ubidjenza Sor, l-ubidjenza tinsiex fil-voti li niehdu ahna,tinsiex il-vot tal-ubidjenza.

Sor.Luk — Imma jien x'ghamilt hazin jahasra?

| | |
|---|---|
| Madre | Xixx… issa mur u ahsel il-kurutur min barra sa gewwa. |
| Sor.Luk | Ga hsiltu Madre. |
| Madre | Bizzejjed ghax jaqbillek, il-penitenza tikber tista u mhux tonqos.(icempel il-bieb ta'barra)mur irrispondi l-bieb jekk jogbok,u wara tista tmur tkompli mur Sor,mur minn quddiemi(Sor Lukrezja tohrog tgerger) |
| Madre | Imma meta se titghallem tnehhi dal vizzju mishut li ghanda. Mara sewwa kemm tridha imma din li mohha x'jaghmel haddiehor mhux sewwa,jekk mhix se tbiddel l-atidudni taghha se jkolli naghmel li marritx,iva issa nerga nwissiha ghal l-ahhar darba u jekk ma tismax, daqshekk (tidhol Sr. Lukrezja flimkien ma Ganni l-kahhal) |
| Sr.Luk | Madre hawn Ganni,qal int bghat ghalih,nghidlu jidhol?(Ganni jkun ga pogga bil-qeghda minghajr ma Sr.Lukrezja ma ndunat) |
| Madre | Nahseb li frankalek bicca xoghol Ganni ghax ga ghamel hawn gew tieghu. |
| Sor.Luk | Int kif taghmel Gann, |
| Ganni | Skuzanı sor,talli bqajt diehel,imma ghandi saqajja ma niflahix,u kelli npoggi mill l-ewwel,dal ghodu kont nizel min fuq is-sellum u rwejt saqajja. |
| Sor.Luk | Ghoqod attent Gann,ghax ma tafx kif twegga,darba jien kont qeda fil gnien…… (il-madre tibda tiddejjaq) |
| Madre | Ara x'se jiehu Ganni Sor,u mur giblu xi haga friska. |
| Ganni | U le toqghod taqla xejn,issa daqt sejjer id-dar jien,ghax jekk mbaghad ma niekolx il-mara toghqod tgerger. |
| Sor.Luk | Toghqodx tisthi Gann ejja, ghidli x'se naghmillek ghax jien ghandi hafna x'naghmel. (thares lejn il madre) |
| Ganni | Mela niehu flixkun birra. |
| Sor.Luk | Ha naghmillek bicca hobz biz-zejt u t-tadam mal birra,ghax mhux sewwa tixrob fuq xejn |
| Ganni | Le ta'ghax inkella ma niekolx,u bhal ma ghidtlek,il mara toghqod tgerger, flixkun birra bizzejjed. |
| Sor.Luk | Isma Gann ghaqtali l-kurzita,oht il-mara kienet izzewget?Ghax biex nghidlek ilhi ftit ma narha. |
| Ganni | Da zgur li zzewget,ga ilha tlett xhur. |

| | |
|---|---|
| Sor.Luk | Hsiebtu jien,mela issa m'ghadix toghqod hawn nahseb? |
| Madre | (Tahtafa)Sor Lukrezja,jien x'ghidtlek?Mur ghamillu xi haga lil ganni u ghalaq halqek ghax ikun ahjar, isa haffef. |
| Sor.Luk | Iva …iva ghandek ragun Madre arani sejra.(Sr.Luk tohrog imxixkla?) |
| Madre | Gann ghamilli pjacir,u kemm jista jkun lil Sr.Lukrezja,ttija l-ebda mformazzjoni fuq dak kollu li ssaqsik, kull meta issaqsik xi haga ghidilha ma nafx,f'himtni Gann, issaqsik xi ssaqsik ghidilha ma nafx!! |
| Ganni | B'daqshekk miskina, jien inhobb nitkellem maghha,daqs kemm hi min taghna. |
| Madre | Isma minni Gann!! Issa hallina min dan, ara Gann jien baghat ghalik ghax ghandi bzonnok biex taghmilli bicca xoghol. |
| Ganni | Ghidli Sor sa fejn naf jien dejjem qdejtek mill-ahjar li stajt, issa ghidli x'ghandek bzonn. |
| Madre | Ara Gann,inti taf kemm,ahna devoti ta'sant Antnin,ahna s-sorijiet? |
| Ganni | U mela ma nafx(sarkastiku).Hemm arah dejjem bix-xemgha tixghel quddiemu. |
| Madre | Precizament fuq dik l-istatwa se nkelmek,ahna s-sorijiet ilna nhossu li dik l-istatwa hi kemm xejn zghira ghal proporzjon tan-nicca, u iddecidejt li naghmel statwa akbar li tkun tixraq lil sant Antnin,u barra min hekk nixtieq li naghtihom sorpriza lis-sorijiet,daqs kemm ilhom jghidhuli biex naghmlu statwa akbar!! |
| Gann | Imissek ghilek li biddilta dik l-istatwa daqs kemm hi zghira,taf li dejjem hekk nghid bejni u bejn ruhi meta nkun hawn,l-aktar meta nhares lejn sant Antnin. |
| Madre | Gann ma stajtx naghmilha qabel jien marritx li naghmel dejn ma hadd,imma l-Mulej jahseb f'kullhadd,milhux nqala benafattur u offra li jidhol ghal l-ispiza ta'l-istatwa l-gdida. |
| Ganni | Jigifieri l-flus jekk qed nifhem sewwa ga qedin f'idejk hux? |
| Madre | Da zgur,u ghalfejn qed tghidli hekk? |
| Gann | Heq tajba din,nispera li ghax xoghol tieghi hemm benefattur ukoll!! |
| Madre | Serrah rasek Gann, ghax xoghol tieghek hsibt ukoll,dan il-benefattur anke x-xoghol tieghek se jhallas. |

| | |
|---|---|
| Ganni | Allura nghid jien kif kont taf kemm se nohodlok Sor? |
| Madre | Gann issa se tellahhomli,kemm gej b'mistoqsijiet?Jien xi darba ma hallastekx ghid? |
| Ganni | Isma sor jien biex niccajta qed nghidlek skazani...nahseb li parlajt xi ftit zejjed,tridtx tghidli x'ghandek bzonn. |
| Madre | Ara ifimni sew x'se nghidlek,jien irridek tbajjadli ftit in-nicca u ma dawra taghha biex meta s-sur Pawl(tara l-purtiera ticcaqlaq u tmur tara x'hemm warajha,w issib lil Sr.Lukrezja b'tadama f'ida) Hawn x'int taghmel wara l-purtiera? Ergajt kont qed tissemma,hux veru? |
| Sor.Luk | Le Madre ma tarax,fejn sejra b'rasek,jien mort naqta tadama mil gnien u x'hin kont gejja lura derhli li smajtek issemmi ismi,u gejt biex nara xi trid ghax hsibt li ghandek bzonn xi haga. |
| Madre | Iva? Alla jbierek kemm tisma fejn trid,taf li ilek nofs siegha li mort biex taghmel xi haga lil Ganni,dan daqt wasal biex jitlaq u tkun ghadek ma gibtlu xejn,issa mur u haffef idejk. |
| Sr.Luk | Iva madre daqt maghkhom. |
| Madre | Qed tara Gann kif sew ghidtlek,ma nista naghmel xejn biha,l-kurzita tirbah,ma tkunx kuntenta qabel ma tkun taf x'ahna nghidu,Gann issaqsik xi ssaqsik tghidilha xejn, inkella l-kunvent kollu jkun jaf,f'himt? |
| Ganni | La qeda tghidli hekk,thabbilx rasek,xejn ma nghidilha. |
| madre | Proset Gann hekk ghamel u serrahli rasi. |
| Ganni | U mbghad int isserah tieghi mhux hekk Sor? |
| Madre | (Tohrog xi flus mill kexxun biex itighhom lil Ganni)Hawn ha nntik dawn bil quddiem,u wara li tlesti x-xoghol intik il-kumplament,tajjeb? |
| Ganni | U le.... jien mhux ghalhekk ghidtlek, x'affarijiet dawn,ara din kif taghmel ukoll!! (Tidhol sor Lukrezja bil-birra u tara lil Madre taghti l-flus lil Ganni, l-madre tpoggi il-flus fil but biex ma turix lil sor Lukrezja) |
| Madre | Gann,irridek tibda illum. |
| Ganni | Stajt ghidtli ftit qabel sor,bhal issa ninsab naqra mhabbat. |
| Madre | Ghandek ragun Gann, naprezza hafna li kieku tibdili llum!! |
| Sor.Luk | Mela ha nergaw inbajdu madre? X'ilek li bajjadt? |

Madre Bizzejjed sor.

Ganni Ara kif naghmlu,issa ghandi l-lavrant qed jahdem ftit il-boghod min hawn u nibatu issa stess halli jibda x-xoghol mill l-ewwel,tajjeb?

Madre Grazzi hafna Gann basta jaghmilli xoghol sewwa,nhalli f'idejk jien!!

Ganni Halli f'idi…jiena mhux gej u sejjer hawn,biex nara xi jkun qed jaghmel.

Madre Kollox sew Gann f'idejk mela(thares lejn Sor Lukrezja)isa tieh halli jixrob lil Ganni daqs kemm ilhu jistenna.

Ganni Ma jimpurta sor ma jimpurtax.

Sor.Luk Hawn ha Gann ixrob u skuzani ghax domt xi ftit,ixrob halli ngiblek iehor.(Tpoggi) Mela se jaghmlilna xi bicca xoghol Ganni,madre?

Madre Sor Lukrezja,mhux ahjar tmur tara x'ghandek taghmel ghid?

Sor.Luk Mela lanqas ftit bil-qeghda ma nista noghqod jien,kieku taf kemm ghajjejt,ghandi saqajja ma niflahomx izjed.

Madre Jekk trid tistrih mur strih x'imkien iehor u mhux hawn,hadt ma qallek biex ma tistriehx.(Tqum biex tohrog) U ghamilli pjacir issa tergax tigi jekk ma nghidlekx jien f'tehmna?(Tinstema il-qampiena tal- bieb ta'barra)Isa mur ara min gie.

Sor.Luk (Tibda tgerger)Ha mmur mela, ghax jien dejjem zejda nkun hawn gew.(tohrog)

Ganni Sor nahseb li issa ahjar immur ingib il-lavrant u nurih xi jrid jaghmel u thabilx rasek halli kollox f'idejja.

Madre Hawn ha Gann il-flus issa bhal m'ghedtlek kif tlesti ntik il-kumplament,u l-aktar haga mportanti, ara li ma tghid xejn lil Sor Lukrezja,f'tehmna Gann.U ghid ukoll lil-lavrant tieghek biex jaghlaq halqu,f'himtni?

Ganni Halli f'idi Sor,la qed tghidli hekk zgur li ma nghid xejn,la lil Sr.Lukrezja u lanqas lil hadt. Sahha Sor narak.(jkun se johrog)

Madre Stenna Gann…. Stenna halli nigi nwasslek sal bieb(fil pront tidhol Sr.Lukrezja mal kappillan)

Sor.Luk Madre ara min gie jarana,hawn il-kappillan,qal li jixtieq ikelmek.

Madre Oh il-kappillan,ghaddi sur-kappillan ghaddi,kont qed nistennik nghidlek is-sew.

| | |
|---|---|
| Kapp | Kif inti sor Tereza,kif int?(ihares lejn Ganni li jkun ghadu bil-qeghda bil-flixkun tal-birra f'idu) |
| Madre | Jiena tajba grazzi,u inti?Poggi sur-Kappillan. |
| Kapp | Jiena ma ngergirx ghal grazzja t'Alla,(jerga jhares lejn Ganni b'certa harsa li tfisser li ma hax pjacir li qieghed jarah hemm) |
| Madre | Sur kappillan,inti tafu lil Ganni? |
| Kapp | Nafu, u ma nafux ikolli nghid,(lil Ganni)inti mhux wiehed min dawk li kull fil ghaxija tkunu ghand Gejtu tal-imbid,Tlegilgu kemm tifilhu? |
| Ganni | (Ganni jisthi xi ftit ghal dan il-kliem quddiem il-Madre) Gieli nkun maghhom,imma mhux ta'kulljum sur kappillan. |
| Kapp | Sewwa bsart jien,halli nghidlek,mhux sewwa taghmlu, tmorru tixorbu u tiddihqu hemm f'dak il-hanut,imiskom tisthu lanqas hadt ma jista jaghddi bikom, ilhi nahseb u nara kif se naghmel biex inrazzan dak li storbju li jsir ta'kull fil ghaxija,issa ghand il-pulizija mmur. |
| Sor Luk | Imma Ganni mhux ta'hekk miskin,sur Kappillan. |
| Madre | Sor Lukrezja bizzejjed. |
| Ganni | Sewwa qed tghidlek sor Lukrezja,sur kappillan jien lanqas nitniffes.. |
| Kapp | Da zgur li titniffisx,l-aktar jekk ikollok xi sitt flixken birra go fik,nahseb li lanqas tkun qed tara art,imissek tisthi!! |
| Ganni | Nahseb li ahjar immur l-madre,ghax qed isir il-hin. |
| Madre | Mur,mur Gann,mela nibqaw kif f'temha. |
| Ganni | Iva madre,sahha madre, narak. |
| Sor Luk | Halli mmur inwassal lil Ganni sal bieb. |
| Madre | Sahha Gann kun imbierek.(Sr.Lukrezja u Ganni johoru) |
| Kapp | Rajtu?Telaq. da zgur li jitlaq,ma daqx ghal widnejh dak li ghidt jien,ma nafx kif nies bhal dawn taccethom hawn gew Madre!! |
| Madre | U le,fejn sejjer b'rasek sur kappillan,Ganni ragel sew hafna miskin,ikolli nghid li ha ghalih bi kliemek,veru ghandu vizju li jixrob xi ftit,imma l bqija min taghna hafna. |
| Kapp | Jien ma naqbilx mieghek,jien taf x'jghid qaddiesi,ma min rajtek xebbahtek |

| | |
|---|---|
| Madre | Mela allura ghalik jien immur nixrob u nilaghbhom ghand Gejtu ta'l-imbid,(Madre Tidhaq) |
| Kapp | Iva ghoqod idhaq,issa jekk xi darba jaghmillek xi buzullotta,mbaghad ghidli ghandix ragun.(tidhol sor Natalina mhawda) |
| Sor.Nat | Madre,ma jistax ikun li nibqaw sejrin hekk,din it-tieni darba li gratli. |
| Madre | Xi gralek Sor? |
| Sor.Nat | Mhux sewwa li jaghmluli hekk. |
| Kapp | Zgur dak il-mignun ta'Ganni,sewwa ghidtlek Madre jien,qed tara issa anke l-kunfidenza mas-sorijiet diehla hawn gew. |
| Madre | Iva bil mod sur-Kappillan,hallija halli tghidli xi grala Sor Natalina,issa nista nkun naf x'ghamlulek? Ikkalma ftit u ghidli xi gralek? |
| Sor.nat | Madre inti taf li l-bierah kelli parlatorju ma tal familja? |
| Madre | Iva da zgur li naf. |
| Sor.Nat | Sewwa,mela l-bierah giet ohti tarani u gabitli xi bzonnijiet ghalija,u wara qadna nitkelmu ftit, meta giet biex titlaq,jien mort inwassalha sal bieb,u wara bqajt sejra fil kamra tieghi...... |
| Kapp | Zgur sibtu hemm jistennik. |
| Sor Nat | Lil min ? |
| Kapp | Lil dak il-mignun,jekk fil-kas ghidli halli mmur jien stess nirraportah. |
| Sor Nat | Le fejn sejjer b'rasek sur-kappillan Ganni m'ghandux x'jaqsam xejn fil bicca. |
| Madre | Allura mbaghad x'gara? |
| Kapp | Jien ma niflahx nisma aktar,ghax lili malajr titlali l-presjoni jekk noghqod ninkwieta. |
| Madre | Iiii x'gharukaza,lanqas offrejtlek kikkra kafe' sur-kappillan,halli mmur naghmillek. |
| Kapp | Le le thabbel rasek xejn ghalija,kompli ma sor Natalina issa nidhol sal kcina u taghmilli sor Lukrezja. |
| Madre | Zgur sur-kappillan,zgur? |

| | |
|---|---|
| Kapp | Halli f'idi issa nerga narakom.(Kapp johrog) |
| Madre | X'kont qed tghidli sor? |
| Sor Nat | Bhal ma ga ghidtlek madre l-bierah giet tarani ohti u gabitli xi haga maghha,u jiena sakemm mort inwassalha sal bieb ta'barra insejthom fil parlatorju, u llum ftakart u mort ghalihom...... |
| Madre | U ma sibtux hemm zgur!! |
| Sor.Nat | Ghar min hekk Madre ghar min hekk!! |
| Madre | Iwa x'jista jkun ghar minn hekk Sor? |
| Sor.Nat | Kieku ma sibtux, heq kont nghid li haduhuli u daqshekk m'hemmx x'taghmel,imma li jifthuh biex jaqtaw il-kurzita x'fih le!!Din ma naccettahhix!! |
| Madre | Sibt xi haga nieqsa,jew ghandek suspett f'xi hadt? |
| Sor.Nat | Xejn ma sibt nieqes,jien ghalhekk l-iktar li hadta bi kbira ghax min ghamel hekk kurjuz,u xejn izjed,dak biex jaraw x'gabitli ohti. |
| Madre | Ghax kurjuz ghidtli?Ma niflahx nismaghha izjed din il-kelma,emminni meta nismaghha nifakar f'xi hadt partikulari,u jekk inkun naf ili kienet din l-persuna li ghamlet hekk,bi kbira tku,sant Antnin tini s-sabar. |
| Sor.Nat | Madre,x'inti tghid?ghandek xi suspett f'xi hadt?Fil kas ghidli halli mmur u nghidlu jien stess,ghax marritx narak tinkwieta. |
| Madre | Le,le halli kollox f'idejja issa tara kif naqbduh l-gurdien,hu pacenzja ghal issa qisek m'ghedtli xejn,ghamel ta'bir-ruhek ma gara xejn.Ghax mhux int l-ewwel wahda li gejt tghidli dawn l-affarijiet. |
| Sor.Nat | Naghmel kif qed tghidli int Madre,mela ha mmur nkompli. |
| Madre | Mur Sor mur u halli f'idejja.(Sr.Nat tohrog)(Madre titkellem wehidha) Jekk miniex se niehu hsieba lil din l-imbierka se tharbatli l-kunvevt kollhu,jien perswasa li Sor Lukrezja kienet (Sor Lukrezja tidhol u ssib lil Madre titkellem wahidha) |
| Sor.Luk | Madre xi gralek? Mela issa anke titkellem wahdek qedha? |
| Madre | Mhux int gibtni nitkellem wahdi!! |
| Sor.Luk | Jien? Jien x'ghandi x'naqsam,skuzani madre ta'mela jien xi darba ghidtlek biex toghqod titkellem wahdek?Isma ma tridtx incempillek ghat tabib hux? |

Madre — Kont se nghidlek ghal min icempilli,ejja u ersaq l'hawn ghax ghandi bzonn inkelmek bis serjeta, poggi bil-qeghda.

Sor.Luk — (Sr.Luk tpoggi)Isma madre hemm gew hem mil-kappillan u qieghed wahdu fil kcina.

Madre — Hallik mill kappillan issa ghax din xi haga aktar importanti mill kappillan!!

Sor Luk — Mela x'gara madre?Fittex ghidli ghax ninsab fuq ix-xwiek.

Madre — Dalwaqt nghidlek x'inqala tibzax.(il-madre tpoggi wkoll)Jien inhosni ferm inkwetata ghal fatt li hawn gewwa dan il-kunvent qed nigu misruqin.

Sor.Luk — Ommi ma x'jigifieri Madre,dahlulna l-hallelin?

Madre — Ma nafx,ghadni qeda nipprova nifhem kif u x'fatta, x'seta gara u min kien il-protagonist,jien ghandi s-suspetti tieghi,pero ghal issa miniex certa u ghalhekk qabel ma nitfa l-htija fuq xi hadt irrid inkun naf fi zgur.

Sor.Luk — Mela x'gara Madre?Jien ilhi nghidlek biex toghqod attenta lil min iddahhal hawn gew,veru li ahna nilqghu lil kullhadd b'idejjna miftuha imma da zmien trid toghqod b'seba ghajnejn,jekk ma tkunx tafhom lil xi uhud ma tistax tavdhom.

Madre — U jiena nista nkun naf lil kullhadd,daqs kemm kiber ir-rahal.

Sor.Luk — Mhux it-tort tieghek, ghax ma ssaqsiniex lili,jien kwasi lil kullhadd naf.

Madre — (Aside)M'ghandiex dubju.Tajjeb,mela kull darba li jigi xi hadd biex ikellimni nibda naghjjat lilek halli nara jekk indahlux jew le,hux hekk qed tghidli? U hallina minnek Sor.

Sor.Luk — Isma ma hadilnix xi haga Ganni sakemm kien hawn gew hux?

Madre — Lesta hi se tibda tivvinta fuq in-nies,int lilek min semmilek lil Ganni?Lil dak navdah b'ghajnejja maghluqa,daqs kemm hu ragel sewwa.

Sor.Luk — Mela min jista jkun madre?Isma Madre int lili biss qed issaqsi,jew lis-sorijiet l-ohra ukoll?

Madre — Bdejt bik,forsi ma ndumx biex insolvi dan il-misteru!!Nista nibda bik?

Sor.Luk — Mhux int tikkmanda hawn gew, pero ara ma tahsibx li jien missejt xi haga.

Madre — Ismani sewwa x'se nghidlek,il-bierah Sor Natalina kellha vista min ghand ohta, fejn din gabitilha xi bzonnijiet ghalija, izda Sor Natalina insithom

warajha,u illum marret biex tohodhom,izda b'ghageb kbir taghha sabet il-pakkett miftuh.

Sor.Luk Allura?

Madre Daqshekk biss ghandek xi tghid, allura?

Sor.Luk Xi tridni nghid,jien x'ghandi x'naqsam mal pakkett ta' Sor Natalina nghid jien!!

Madre Jigifieri int ma rajtux dan il-pakkett hux hekk?

Sor.Luk (Pause)Emm... jekk nghid li ma rajtx pakkett inkun qeda nigdeb,ghax nghidlek is-sew x'hin kont qeda infarfar il-parlatorju kien hemm pakkett fuq il-mejda imma jien ma nafx ta'min kien u lanqas jimpurtani.

Madre Tajjeb mela s'issa nafu li l-pakkett ta' Sr.Natalina inti rajtu fil parlatorju hux hekk?(Sr.Luk taghmel sinjal b'rasha li iva) u int missejtu hux hekk?(terga taghmel sinjal b'rasha li iva u f'mument tinduna li trid tghid le) Mela issa rridu nistabilixxu min seraq il-bott tat-terra li kien hemm fih.

Sor.Luk Le zgur li mhux jien (tidhaq)

Madre Ghalfejn qed tidhaq Sor? Mela dawn affarijiet tad dahq?

Sor.Luk Ghax issa ninsab certa li mhux jien kont li sraqt mill pakkett ta' Sr.Natalina!!(tqum biex tohrog) Nista mmur issa Madre?

Madre Min hawn u ftit iehor nahseb li nibatek imma ghal issa ghoqod hawn halli nsaqsik ftit tad domandi ohra,.ikolli nghid li int taf min messu il-pakkett ta Sor Natalina.

Sor.Luk Jien kif tridni nkun naf Madre.

Madre Tajjeb mela issa wara li nkellem lis-sorijiet l-ohra,jekk ma nasal imkien ma jkunx baqali xejn x'naghmel, hlief li ncempel lil Provincjala,u nghidilha b'kollox!!

Sor.Luk Il-marelli kemm se tkabbara Madre!!Lanqas li kien fih id-deheb dak il-pakkett.

Madre Mela x'kien fih Sor? Jekk mhux deheb?

Sor.Luk Ftit sapun u zewg pari kalzetti dak kollox.(tinduna xi tkun ghamlet)

Madre Hekk mela,ghaqlaha,jien qatt ma kelli dubju li ma kontx int,imma ridt nismahha min fommok stess,gharukaza ghalik Sor Lukrezja, li int kurjuza kullhadd jaf, imma li dbabas fi hwejjeg haddiehor qatt ma bsarta.

| | |
|---|---|
| Sor.Luk | Imma jien ma hadtilha xejn minnu!!U mhux hekk ridt infisser. |
| Madre | Mela x'ridt tfisser ghid? Issa halli nsejjah lil Sr.Natalina biex tikkonferma x'kien fih il-pakkett |
| Sor Luk | Mela jien nista mmur hu hekk?(Tkun se titlaq) |
| Madre | Ghoqod fejn int ghadni miniex lesta!!(Tersaq lejn il-bieb tal kamra u ssejjah lil sor Natalina) Sor Natalina... Sor Natalina.....ejja ftit jekk jogbok.Issa halli naraw x'se tghidilna Sor Natalina.(tidhol sor Nat) |
| Sor Nat | Sejjahtli madre? |
| Madre | Iva sor,irridek tghidli x'kin fih dak il-pakkett li gabitlek ohtok il-bierah. |
| Sor Nat | X'jigifieri Madre?(thares lejn sor Lukrezja) |
| Madre | Irrispondini,ghidli x'kin fih il-pakkett. |
| Sor.Nat | Heq ftit sapun u zewg pari kalzetti dak kollox,jaqaw sirt taf min fethu? |
| Madre | Grazzi Sor,ghal issa tista tmur. |
| Sor.Nat | Daqshekk kollox Madre?Jien hsibtek se tghidli li taf min fetah il pakkett tieghi,ghax bhal issa jekk inkun naf min,aqta x'naghmillu.(thares lejn sor Lukrezja b'harsa li tfisser hafna) |
| Madre | Mur sor mur halli f'idi issa nirrangaw kollox.(Sor Nat tohrog).....Sor Lukrezja issa li sor Natalina ikkomfermat x'kellha fil pakkett,x'ghandek xi tghid? |
| Sor.Luk | Xi tridni nghidlek madre,lili tatiniex tort ghax jien hsibtu xi pakkett min dawk li jgibulna n-nies ghal missjoni,u peress li niehu hsibhom jien dawk l-affarijiet,heq... ftahtu bhas soltu,dak kollox. |
| Madre | Prosit Sor,prosit tassew, ma stajtx issib skuza ahjar milli sibt,mela issa mill llum il-quddiem dak kollu li jidhol fil kunvent irrid narah jien qabel ma jinfetah, f'tehmna? |
| Sor.Luk | Mhux inti taf madre jekk trid hekk,hekk naghmel. |
| Madre | Daqshekk biss?Dak kollox? M'ghandek xejn aktar xi tghidli,kollox sew pero tinsiex li min jigdeb taf fejn immur hux!!.....Fejn imur Sor? |
| Sor.Luk | Mhux l-infern? Fejn tridu jmur. |

| | |
|---|---|
| Madre | Mela hemm sejra int,ghax qed tigdeb,hux vera Sor?jekk tghidli l-verita jkun ahjar ghal kullhadd u nnehhu s-suspetti kollha,isa Sor ghidli l-verita!! |
| Sor.Luk | Jekk nghidlek twedni li ma tghidilix lil Sr.Natalina? |
| Madre | Iva nwedek. |
| Sor.Luk | Zgur li ma tghajjatx mieghi? |
| Madre | Le mhux se nghajjat mieghek issa ghidli ghax se ttellahomli!!(tibda titlef il-pacenzja) |
| Sor.Luk | Qed tara kif ga bdejt tghajjat le mhux se nghidlek. |
| Madre | Kollox sew tghidlix, mela ghada inti ma tigiex maghna. |
| Sor.Luk | Fejn Madre? Fejn sejrin ghada? |
| Madre | Ghalfejn trid tkun taf m'ghandekx ghalfejn,la mintiex gejja. |
| Sor.Luk | U ejja madre ghalfejn qeda taghmilli hekk? |
| Madre | Jien ma jien naghmillek xejn,ga ghidtlek jekk mhux se tghidli l-verita,tista taqta jisek ghax ghada ma tigiex. |
| Sor.Luk | Kollox sew….sew kollox se nghidlek,pero trid twedni li ghada nigi maghkhom fejn sejrin.(il-madre tieqaf taparsi tahsiba ghal ftit) twedni madre? |
| Madre | Iva nwedek,issa ghidli. |
| Sor.Luk | Jiena kont li ftaht il-pakkett ta sor Natalina. |
| Madre | Issa bhalek ghalfejn ghamilt hekk? |
| Sor.Luk | Ahfirli Madre,mhux ghax irrid,imma dan id-difett li ghandi ma nistax nikkontrollah,ghal xejn niprova il-kurzita telibni,issa tista tghidli fejn sejrin ghada? |
| Madre | Xorta se ssaqsini? Ma tafx taghmel sagrificju,u tiprova ma ssaqsix? |
| Sor.Luk | Imma int ghedtli li jekk nghidlek il-verita kont se tehodni mieghek ghada. |
| Madre | Iva ….veru. |
| Sor.Luk | Allura mintiex se zzomm kelmtek mieghi? u nahseb li nista nkun naf fejn sejrin ghalmenu. |

| | |
|---|---|
| Madre | Da zgur li ghandek….altru li ghandek, u la qed tinsisti u l-kurzita reget rebhitlek se nghidlek, mela ghada ghad diesgha ta'fi l-ghodu kun lesta halli mmorru ghand il-madre superjura, ghax ghandi bzonn inkellima fuq xi haga importanti hafna!! |
| Sor.Luk | Se tukzani Madre? |
| Madre | Skond….skond kif inqum ghada,jekk inqum bil-burdata li qeghda fija llum zgur li nghidilha lis-superjura,u issa skuzani ghax sejra nara jekk il-kappillan ghandux bzonn xi haga,int se taghmel se tibqa hawn? |
| Sor.Luk | Li tghidli int naghmel,mhux int il-kapo hawnhekk. |
| Madre | Mela ara tfarfarx ftit din il-kamra jekk jogbok,ghax mhux sewwa noghqodu nitaznu,mhux hekk sor?(Tohrog) |
| Sor.Luk | Huwa mieghek ma titazzinx tibzax,ghax ma tantx thallik ma taghmel xejn,(tpoggi bil qeghda,terga tidhol il-madre) |
| Madre | U bil haqq ghax insejt nghidlek sor,(Sr Lukrezja tqum mahsuda) ghada mhux sejrin ghand is-superjura ghax ma tistax tiltaqa maghna,mbaghad nghidlek meta nkunu se mmorru,sahha ghal issa.(tkun se tohrog)U haga sor,ma l-ewwel cans li jkollok qis li tmur tqerr!! |
| Kapp | (Ghal dan il-kliem jidhol il-kappillan) Hawn xi hadt li ghandu bzonn iqerr?Jekk fil kas jien ghadni hawn. |
| Madre | Mhux ghal issa sur-kappilan ghax sor Lukrezja, ghad trid tahseb dnubieta,ejja kappillan ha naghmillek ftit kafe. (Kapp u madre johorgu) |
| Kapp | Ahsibhom sew dnubitek sor.(jidhaq) |
| Sor.Luk | Lesta hi,issa anke mal kappillan se xxandarni,aktar jien se noghqod ninkwieta. Basta qaghdet timlili rasi li sejra ghand il-madre superjura,dik biex tbezzani qaltli hekk,tahsiba kattiva madre imma meta issir tafa sew issib li mhi xejn,nar tat-tiben,izda xorta irrid noghqod attenta ghax issa jekk terga taqbadni f'xi haga ohra zgur li ma tahfirlix.(iccempel il-qampiena tal bieb ta'barra) Min seta gie bhal issa?Ahjar mmur nara,ghax inkella tibda tgerger li hallejt in-nies jistennew…..zomm ftit issa xieraq ma tiehux pjacir ghax mort, tahseb li jien kurjuza,ghax din dejjem hekk sejra,ma nistax niccaqlaq biha.(terga tinstema l-qampiena).Imsomma jien xorta sejra xejn ….xejn inkun naf min gie.(tohrog biex tara min gie) pawsa u tidhol Sr.Lukrezja ma Toninu l-lavrant ta' Ganni b'xi ghodda mieghu) Ghaddi,ghaddi…..bil-mod ara ma tkissirx xi haga ghax aqta x'taghmillek il-madre, allura inti tahdem ma Ganni? |
| Toninu | Iva sor. |

Sor.Luk Poggi,poggi halli mmur nghid lil madre li int wasalt,int x'jismek hi?

Toninu Toninu.

Sor.Luk Il-ahwa kemm ghandek ismek sabih,mela ghal sant Antnin imsemmi inti?

Toninu Iva hekk tghid ommi,ghax meta twelidt jien kienet il-festa tieghu,u ma kienux jafu x'se jsemmuni u l-kappillan qallhom ghax ma ssemuhx Toninu.

Sor.Luk Sewwa,hekk sewwa mela dawn il-qabda ismijiet li qedin isemmu llum,hlief ismijiet ta'artisti ma tismax.

Toninu Iva veru sewwa qed tghid sor.

Sor.Luk Issa lili ghidli kif se jiccelebraw il-festa taghhom dawn in-nies,ghax nahseb li l-anqas qaddis ma hemm jezizti ghal isimhom.

Toninu Ara ommi qatt ma kellha problema

Sor.Luk X'jigifieri?

Toninu Ghax ahna qedin hmistax u ommi kienet taghmlina party wiehed, fil festa tal-qaddisin kollha u tehles hafif.

Sos Luk Il-marelli hmistax kontu? Mela miskina min jaf kemm batit biex rabbitkom lilek u l-hutek.

Toninu Iva dejjem hekk nismahha tghid lil ommi.

Sor Luk Mela kellu ghal min jahdem missierek miskin,pero hekk sewwa mhux bhal illum,ilkollom wiehed u jekk jigi t-tieni wiehed jghidu li gie bi-zball.

Toninu Da zmien mhux bhal qabel sor,illum kullhadd ghandu televixin sor(jidhaq)

Sor Luk X'igifieri Ton?

Toninu Xejn....xejn sor,issa mhux ahjar tmur tghid il-madre li jien wasalt.

Sor.Luk Isma Ton aqtali l-kurzita se taghmlilna sabih.

Toninu Jien ghadni lanqas naf x'se naghmel ghax li mghallem qalli biex insib li madre halli tghidli xi trid,int ghal jista jkun,int mhux il-madre hux?

Sor.Luk Le,le jien mhux il-madre(tidhaq) Isma darba qaluli biex noghqod imma kont irrifjutajt ghax jien ahjar hekk kif jien.

Toninu Mela inti mhux sr.Lukrezja?

Sor.Luk Iva jien hi,prezente katavre.

Toninu Mela tkellimnix izjed ghax jien mhux suppost qieghed inkelmek.

Sor.Luk X'inhu? U dan minn qallek biex ma tkellimniex?

Toninu Ma nistax nghidlek.

Sor.Luk Le, issa trid tghidli min!!

Toninu Sor mhux ahjar tghidli x'irrid naghmel forsi nibda,ghax jekk jigi li mghallem aqta x'jaghmilli, jekk isibni ghadni ma bdejtx.

Sor.Luk Mela jien naf xi trid taghmel,ghax ma tghidx lil min qallek biex ma tkellimnix.

Toninu Isma sor jekk min ghalik se ddahalni bejn il-basla u qoxrita qed jarralek,ghax jien m'ghandix naqsam,issa jekk jogbok mur ghid lil madre tigi forsi nibda naghmel xi haga.

Sor.Luk Kollox sew,la ma tridx tghidli… tghidlix,imma xorta nkun naf min qallek,issa stennini halli mmur nghid lil madre tigi halli tkellem lilha, poggi bil-qeghda u ticcaqlaqx min hemm f'himt?

Toninu (Toninu ma jitkellem xejn) (Sor.Luk tohrog) Donna hadet ghalija din is-soru ghax ghidtila hekk,imma jekk Ganni qalli biex kemm jista jkun ma ntijiex informazjoni,jien xi tridni naghmel.Miskina ma tidirx mill ghar,issa mhux jien se nbati,dik lili haditni fuq demm id-dars zgur!!(tidhol il-Madre mal Kappillan u Sr.Luk)

Madre Allura habib taghna,inti l-lavrant ta'Ganni hux hekk? U gejt biex taghmlina xi xoghol hux?

Toninu Iva Sor.

Madre Inti taf xi trid taghmel? Nahseb li Ganni qallek xi jrid isir hux?

Toninu Qalli xi haga imma qalli wkoll biex insaqsi lil madre halli tghidli hi ezatt xi trid fuq il-post,inti l-madre?

Madre Iva jien il-madre, u inti jismek?

Toninu Jiena Toninu Gafa'

Sr.Luk Isma ghal li jista jkun,inti ma tigiex min Pawlu hux?Dan kienu jghidulu tal-landier fi zmien,dak kuljomu Gafa'wkoll.

| | |
|---|---|
| Madre | Sor se nibdew bil mistoqsijiet? Taf x'hin hu? Nahseb li wasal hin it-talb Sr.Lukrezja,mhux ahjar tiehu hsieb halli ma ndumux biex nibdew. |
| Sor.Luk | Iva madre,ghandek ragun,arani sejra,Ton jekk ikollok bzonn xi haga ghajjatli,ok? |
| Madre | Sakemm tasal sal kappella ghid Ave Maria ghal tlett darbiet sor,jien daqt inkun maghkhom. |
| Sor.Luk | Kollox sew madre.(tohrog) |
| Kapp | Dan x'kien ma giex mieghek Ganni guvnott? |
| Toninu | Ghax mar fuq bicca xoghol ohra father. |
| Kapp | Iwa,mar fuq bicca xoghol ohra? Jew ma giex biex ma jiltaqax mieghi? |
| Toninu | Int min int father? |
| Kapp | Jien il-kappillan. |
| Toninu | Mela lanqas lilek ma nista nkellem. |
| Kapp | U ghaliex? |
| Toninu | Ghax hekk qalli Ganni,qalli jekk il-kappillan ikun ghadu hemm tkellmux ghax tghidx kemm hu fitt u jtelfek il-hin. |
| Kapp | Qed tisma Madre,qed tisma kemm hu ghardiet Ganni,jien se nhallik ghal Issa,halli mmur fejn ghandi mmur...sahha. |
| Madre | Ha nigi nwasslek sal bieb sur Kappillan. |
| Kapp | M'ghandekx ghalfejn sor,toghqod tinqala xejn sahha. |
| Madre | Kollox sew sur kappillan mela nerga narak.(kapp johrog) |
| Toninu | Kemm hu nervuz dan il-kappillan sor. |
| Madre | Iva veru,mela x'qallek Ganni? |
| Toninu | Heq qalli biex lil sr.Lukrezja w il-kappillan,kemm jista jkun ma nkellimhomx. |
| Madre | Qallek biex lil Sor Lukrezja ma turijiex ghalxiex qieghed taghmel it-tiswijiet fin-nicca ta'Sant Antnin,hux veru? |

Toninu Issa hemm ara xi grali,ghidli haga jekk jigu jkellmuni jien se naghmel,nibqa b'halqi maghluq?Ghandi kemm nasal u kelli xi nghid maghhom it-tnejn.Allura ma nkellimhomx?

Madre Jekk hemm bzonn iva!! Toninu,omm il-gifa qatt ma taghli ibni,l-aktar lil sr Lukrezja,lil dik ghadek ma taghfix int,mara tajba kemm tridha imma ghandha difett,tbati bil kurzita u jien irrid li kemm jista jkun nevita li tkun taf certi affarijiet ghax inkella tmur tpacpac ma kullhadd.

Toninu Se ggellidni maghha, jien bil kemm ghadni sirt nafha.

Madre U x'inti tghid,m'ghandekx ghalfejn tikkonfondi,ara jekk tigi toghqod issaqsik xi mistoqsijiet li ghandhom x'jaqsmu ma x-xoghol li qed taghmel.ghidilha li jien ghidtlek biex ma tghid xejn!!

Toninu Kollox sew mela la qed tghidli hekk int, hekk naghmel,jien se nibda xi haga fuq in-nicca,.Bil-haq sor jekk jigi l-kappillan x'naghmel nghidlu?

Madre Lil dak inkelmu jien,thabbilx rasek,issa se jkolli nhallik ghax se nispicca mmur tard ghat talb,issa kif nispicca nerga nittawwalek halli nfemek sew xi rrid,ismani qabel immur,jekk ihabbat il-bieb irrispondieh ftit int,ghax ahna se inkunu fuq nitolbu,f'temna?

Toninu Halli f'idi sor,jekk fil kas jigi xi hadd ghalik nghidlu biex jghaddi hin iehor,sewwa?

Madre Iva hekk ghamel,issa se nhalik,sahha(il-madre tohrog)

Toninu Sahha ghal issa(imur jara jekk telqitx)Xkora vojta ma tieqafx jghid il-malti,issa ghandi bicca hobz,u niekola qabel ma terga tigi,ghax ma tantx tidher mill helwin din il-madre,u nghid is sew ma tantx hadt grazzja maghha,milli jidher hi w is-soru l-ohra ma tantx qedin sew bejnithom,min jaf ghalfejn hux?(ipoggi biex jiekol il-hobz, u tidhol sr.Lukrezja).

Sor.Luk (Toninu jinhasd ghax jahseb li regat giet il-madre)Ghoqod hemm fejn int thabbel rasek xejn,hawn ha ixrob gibtlek tazza luminata friska,issa jekk tkun trid aktar ghidli,toqghodx tisthi f'himt?

Toninu Grazzi Sor ghar ruh il-mejitin tieghek jahasra,grazzi.

Sor.Luk Allura, bdejna xi haga l-imghallem?Nahseb li ma taxtx ghandek hafna xoghol x'taghmel hux?

Toninu Imsomma tiskanta,hekk tahseb kulltant,sor jekk jogbok issaqsieni xejn fuq ix-xoghol.

Sor Luk Ara dan ukoll mela x'giet tghidlek il-madre?(tinstama il-qampiena tat-talb u Sor Lukrezja tiftakar li sar il-hin tat-talb)Il-marelli xi grali sejra tard ghat

talb,ara kif insejt,se jkolli nhallik ghax aqta x'taghmilli issa talli nidhol tard,sahha ghal issa Ton.(tohrog tigri)

Toninu Ghal l-erwieh jahasra telqet.issa jien xil marelli kont se nghidilha lil din,m'Alla telqet, issa nghidlu lil Ganni la jigi, isibhomli l-postijiet lili,ahjar hallini fejn kont wahdi ghax hemm hadd ma kien imerini,(iccempell il-qampiena tal-bieb ta' barra) issa ahjar, jekk smajt sew habbat il-bieb,tghid immur nara min gie,u hallini ma riedtx immur….. imma s-soru qaltli biex jekk ihabbat il-bieb inwiegbu jien,ara jien ukoll kemm jien bezzul imma kif lili biss jigru dawn l-affarijiet!!(terga tinstema l-qampiena) Ghadu ma qatax qalbu dan, nahseb ahjar immur nara li ma jmurx jkun l-imghallem u jahseb li tlaqt,(johrog biex jara min gie) Pawsa zghira.

Sur.Pawl Imma din gharukaza ghalik,dan kif thalli n-nies jistennew wara il-bieb,taf kemm ili incempel ghid? Issa nghidilha lil Sor Tereza halli nara ghalfejn domt, u mbaghad tkelmek hi!!

Toninu Isma xbin,int xi hsibt, li jien qieghed mieghek hawn?

Sur.Pawl Issa se tkun arroganti wkoll!!

Toninu Ara jien ukoll x'kull wiehed insib,imma jien kemm jien bezzul, kif dejjem ikolli nhabbat wicci ma xi skamplu,ara ha nghidlek siehbi….

Sur.Pawl Siehbek xejn u aqta din il-kunfidenza mieghi,issa jekk jogbok tista tmur issejjah Sor Tereza?

Toninu Sor Tereza min hi?

Sur Pawl Issa se ttellahomli,min tridha tkun,mhux il-madre,jekk jogbok mur ghidilha li jien wasalt!!

Toninu Iss....qed tara hej wasal hu, mela jien wasalt qablek x'bin ghax ga ili xi nofs siegha hawn.

Sur Pawl Le ma jistax ikun,irridek tghidli min int halli issa nirrapurtak lil Sor Tereza talli qed tkellimni b'dan il-mod.

Toninu Jien?...Jien Toninu Gafa t-tifel ta'Ganna ta'Karmenu ta'Marozz.

SurPawl U jien….Jien taf min jien?

Toninu Le ma nafx, u ghal l-informazjoni tieghek lanqas jimpurtani.

SurPawl (Jersq lejn il-bieb biex isejjah lil Madre)Sor Tereza….sor Tereza.

Toninu U mela dik se tisimak x'kull wahda ukoll,ghalfejn qed taghjjat?

| | |
|---|---|
| SurPawl | Imma jien ghandi bzonn inkellima urgenti!! |
| Toninu | Il-Madre qeda titlob bhal issa u lili qaltli biex jekk jigi xi hadt nghidlu biex jistenna hawnhekk. |
| SurPawl | Mela allura ghax ma ghidtlix mill l-ewwel lili. |
| Toninu | Mela inti tghajtni cans inkellmek,mhux int qbadt tparla fil vojt. |
| SurPawl | Tahseb li se ddum? |
| Toninu | Issa jien naf kemm se ddum. |
| Sur Pawl | Inti tahdem hawn? |
| Toninu | Bhal issa iwa. |
| Sur Pawl | Mas-sorijiet? |
| Toninu | Le ma Ganni l-kuntratur. |
| Sur Pawl | Mhux ghax jimpurtani imma x'qed taghmillhom lis-sorojiet? |
| Toninu | Isma hija ,ghal li jista jkun,jaqaw Sr.Lukrezja tigi minnek? |
| Sur Pawl | Ghalfejn qed tistaqsini? |
| Toninu | Ghax dik thobb tistaqsi bhalek,isma minni u aqtaw dan il-vizzju ghax titlef il-krittu kollu mal-madre. |
| Sur Pawl | Iva? |
| Toninu | Iwa ghax il-madre idejquha nies li jhobbu jistaqsu. |
| Sur Pawl | Taf li nahseb li ghandek ragun,lanqas hi edukazzjoni li toqod tistaqsi hafna affarijiet fuq haddiehor. |
| Toninu | Issa qed tirraguna sur.mister hi,imma issa ahjar inkompli ghax jekk jigi l-imghallem u jsibni npacpac ma tantx jiehu pjacir wisq bija .(jaqbad kazzola u taparsi jobrox ftit il-hajt tan-nicca) |
| Sur Pawl | Mela inti qed taghmel it-tiswija fin-nicca? |
| Toninu | Iwa qed indurha ftit,ghax ghandu jkun il-madre se taghmel xi statwa ta San-Antnin gdida. |
| Sur Pawl | Taf li qed niehu grazzja mieghek. |

| | |
|---|---|
| Toninu | (Toninu jingibed ftit lura mis Sur Pawl u jmur isejjah lil Madre)Sor Tereza...sor Tereza hawn min irridek!! |
| Sur Pawl | Ghalfejn qed issejjah lil Madre? |
| Toninu | Xi trid tghid bih dan id-diskors sur mister? |
| Sur Pawl | Uuu le fejn sejjer b'rasek int,isma x'ghidtli li jismek ghid? Ghax jien ukoll l-anqas introdugejt ruhi mieghek jien Pawlu Gambin Manpalaw l-iskultur,ghandi pjacir(jehodlu b'idu) |
| Toninu | U jien bhal ma ga ghidtlek Toninu Gafa t-tifel ta'....... |
| Sur Pawl | Iva ...iva bil haq,it-tifel ta'Ganna ta'Karmenu ta'Marozz. |
| Toninu | Il-ahwa x'memorja ghandek sur Pawl bqajt tiftakar Alla jbierek,isma ma naghmlux mod li inti dak l-iskultur li qed jaghmel li-statwa hux? |
| Sur Pawl | Jien kolli kemm jien,skuzani jekk forsi kont xi ftit zorr mieghek,imma kieku taf x'bicca gratli, u tghidtx kemm ninsab inkwetat!! |
| Toninu | Mela xi gralek sur Pawl? |
| Sur Pawl | Mela ha nghidlek imma qis li dan id-diskors jibqa bejnitna!! |
| Toninu | Sur Pawl... lili ghadek ma tafniex int,mieghi tista tavda l-akbar sigriet,ghax zgur ma nitkellimx, |
| Sur Pawl | Prosit,hekk niehu pjacir nisma jien,mela isma xi grali, Sor Tereza l-madre mara tajba hafna,imma hej ta'rasha,fettilha tigi tordna din l-imbierka statwa ta' sant-Antnin,sa hawnhekk ma fiha xejn hazin,imma dahhlita f'rasha li tridha malajr,u ghalxejn ghidtilha li mhux se nlehaqilha ghax baqet tinsisti mieghi li tridha li-statwa. |
| Toninu | U int x'ghidtlha? |
| Sur Pawl | Jien bniedem ma nafx nghid le,u accetajt li naghmilha fi zmien qasir,imma jien ma nafx hekk,(jiftahar) jien hekk maghmul, jew naghmel ix-xoghol sew,jew inkella ma naghmel xejn!! |
| Toninu | Bhali int sur-Pawl,mela noghqodu flimkien jien u int. |
| Sur Pawl | Inti mizzewweg Ton? |
| Toninu | Da zgur li mizzewweg,(jahtfu)issa dan x'ghandu x'jaqsam ma l-istatwa ta'Sant-Antnin? |

| | |
|---|---|
| Sur Pawl | Ghandek ragun imma ikkumpatini ghax tant jien inkwetat li l-anqas naf x'jien nghid imsomma,kif kont qed nghidlek accettajt li naghmel li-statwa,izda arrali ghax ma lestejtix. |
| Toninu | U issa se taghmel,ghax dik b'rasha mimlija li int se ggibilha li-istatwa. |
| Sur Pawl | Hemm hu l-gwaj Ton,issa lili ghidli kif se jirnexili nikkonvincija li l-istatwa mhux se tkun lesta ghal festa, ma nafx se naqbad naghmel. |
| Toninu | Imma int x'fettillek tghidilha li se tlestiha ,meta kont taf li m'ghandekx zmien bizzejjed. |
| Sur Pawl | Sewwa qed tghid Toninu imma jien thassarta lil sor Tereza u riedt nikkuntenta. |
| Toninu | Issa ara x'hadt,iktar gejt f'inkwiet,ahjar ghidtilha le mill l-ewwel,allura xi gralek ,habtek ix-xoghol biex ma lestejtix? |
| Sur Pawl | Mela x'inhu,jahasra kienet kwazi lesta,imma x'hin gejt biex naghti l-espresjoni fil wicc ta'l-istatwa wehilt,qiesni kont ghadni nibda l-ewwel darba,dik li ggib l-ghagla!! |
| Toninu | Ghandek ragun sur-Pawl,imma nahseb li m'ghandekx triq ohra hlief li tghidilha b'kollox lil madre. |
| Sur Pawl | Iva sewwa qed tghid,hekk se naghmel ghax inutli li se noghqod nahsiba,la ma lestejtix m'hemmx x'taghmel,jien ma naghmilx merakli,wara kollox… …inkellha….. |
| Madre | (Tidhol il-Madre ferhana li qed tara lis-sur Pawl) Ara l-min qed nara,Sur Pawl kif inti? |
| Toninu | Kif tridhu jkun miskin,l-anqas irrid inkun xaghra f'rasu bhal issa. |
| Madre | Kellimtni Ton? |
| Toninu | Le madre jien tiehux ghalija ghax kulltant nitkellem wahdi. |
| Madre | Nahseb ahjar thaffef naqra int,ghax is-Sur Pawl gie biex jghidli li se jgibli l-istatwa, hux vera Sur Pawl? |
| Sur Pawl | Kif inti Sor tajba? |
| Madre | Jiena inkun tajba meta tghidli li l-istatwa lesta….lesta sur-Pawl? |
| Sur Pawl | Hemmm… (ihares lejn Toni)Kwazi…kwazi lesta,imma….. |

Nicca

| | |
|---|---|
| Madre | Kwazi?Ghax qed tghidli kwazi?Jien nahseb li qed taghmilli hekk biex tbaqbaqni xi ftit,hux veru Sur Pawl? |
| Sur Pawl | Inti taf li.... |
| Madre | Naf,naf li kellek bicca xoghol kbira biex tlestija fi zmien hekk qasir,imma naprezza s-sagrificcju li ghamilt ghalina,u ta'dan inkun nafulek.(is-sur Pawl ma jafx se jaqbad jghidilha) |
| Toninu | (Jinstema storbju min naha ta wara) Dan xi storbju hu Sor? |
| Madre | Ikolli nghid li dawk it-tnejn rega kellhom xi jghidu,ma nafx kif se nsib irkaptu taghhom(tmur tittawwal fuq wara u jidhlu Sor Luk u Sor Natalina) X'rega nqalha? Intom it-tnejn ma nafx se naghmel bikom,Sor Lukrezja ... |
| Sr.Luk | Madre, ma jistax ikun li kull darba li din tintilfilha xi haga,nehel jien!! |
| Sor.Nat | Iva Madre hi missitha zgur,rajta tidhol fil kcina wara li nzilna mit-talb, bilfors li hi haditili!! |
| Madre | X'haditlek Sor? |
| Sr.Nat | Kelli pasta fil fridge gabitli ohti l-bierah,u jien mort biex niehu bicca, U x'hin thalt fil kcina sibt lil din tilaq xufteja,jien mort dritt niftah il-fridge,u ma sibt xejn hlief platina vojta. |
| Sor.Luk | Mhux veru Madre,mhux veru!! |
| Madre | Bizzejjed,bizzejjed it-tnejn li intkhom,minthomx taraw li hawn in-nies? gharukaza ghalikhom ghadkhom nizlin mit-talb!! imxu,imxu l-barra issa nitkelmu(johorgu) Skuzani ftit Sur Pawl daqt mieghek. |
| Sur Pawl | Ghal l-erwieh jahasra m'Alla gew dawk iz-zewg sorijiet,ghax ma kontx naf kif se naqbad nghidilha. |
| Toninu | Kif jaghmlu dawn sur Pawl.mela s-sorojiet jiggieldu wkoll? |
| Sur Pawl | Mis sema l-isfel kullhadd l-istess Ton,anke l-imsaren fiz-zaqq igorru ahseb u ara s-sorojiet,imma issa hallina min dan Toninu.... Ton ghandi bzonn l-ghajnuna tieghek. |
| Toninu | Heq ghidli sur Pawl,jekk nista naqdik zgur. |
| Sur Pawl | Jien mhux se nhallik b'xejn tibzax jekk kollox imur sew taqla kemxa sewwa min ghandi,xi tghid Ton? |
| Toninu | Ghidli mela sur Pawl,hekk naqdik bil qalb. |

| | |
|---|---|
| SurPawl | Mhux hawn nghidlek ghax jekk tismani l-madre naxqu kollox,irridek tigi sal l-istudju tieghi. |
| Toninu | X'naghmel ara m'hemmx cajt Sur Pawl eee,ghax lili tahsibni kwiet imma meta taqbizli tkun qabzitli!! |
| Sur Pawl | X'inti tahseb Toninu?Li irrid nghidlek ma nistax nghidulek hawn,nitolbok ejja sa ghandi ghax int biss tista tghini. |
| Toninu | Kollox sew nigi,imma ingib lil Connie tieghi mieghi. |
| Sur Pawl | Ara dan kif jaghmel ukoll imsomma ghamel int gib il-min trid mieghek basta tigi,hawn ha dan l-indirizz tieghi(jatih biljett) jiena sejjer qabel ma terga tigi l-madre. |
| Toninu | Issa se nghidilha x'hin ma ssibekx hawn la tigi? |
| Sur Pawl | Ghidilha li kelli telefonta urgenti u kelli nitlaq,hallejtek Toninu u narak il-lejla mela,(jkun se johrog u jerga jdur) hares Ton il-lejla wahdek ejja!!Bye. |
| Tonini | U mur l-hemm,tghid mhux hekk,issa nigi wahdi mela jien qed niggennen dan x'mignun hu?(tidhol il-Madre ftit imfixkla mill bieb tal gemb) |
| Madre | Skuzani sur Pawl imma dawk it-tnejn qishom tfal zghar.....dak fejn mar,mela is-sur Pawl telaq? |
| Toninu | Iva Madre,ghax cempillu xi hadd fuq il-mobile u kellu jitlaq b'kemm jimxi,nahseb li xi haga urgenti kienet ghax tghidtx kemm gera l-barra. |
| Madre | Allura ma qallekx jekk hux rega gej? |
| Toninu | Hiii da zgur....qallek li ma ddumx ma tisma min ghandu. |
| Madre | Isma,int ghadek ma ghamilt xejn illum?Ghax jien miniex nara xejn gdid,in-nicca kif kienet ghada. U Ganni,ma giex jittawwalek xi ftit? |
| Toninu | Isma Sor, int immissek tiringrazzjani lili llum? |
| Madre | U ghalfejn nirringrazjak bhalek,talli ghadek ma ghamilt xejn? |
| Toninu | Qed tara, qed tara dak il-grazzi talli zammejt kumpanija lis-sur Pawl,x'hin intom kontu qedin titolbu,kieku ma kontx jien kieku kien jerga jitlaq. |
| Madre | Iva issa kemm se ddum tghid, jien nixtieq nara lil Ganni halli nkelmu. |
| Toninu | Kollox sew issa la jigi nghidlu,nispera li jigi. |

Madre Jien se nhallik ghal issa,jekk ikollok bzonn xi haga sejjahli.

Toninu Halli f'idi Sor.(madre tohrog) iss qed tara trid tkellem lil Ganni hej,jien naf ghalfejn ta,dik biex tghidlu li jien ma ghamilt xejn,issa jien stajt naghmel b'dak il-mahnix ma saqajja!! Aqta kemm se tkellmu lil Ganni l-aktar jekk qieghed jixrob xi flixkun imbid bhal issa,ajma hej Alla hares jigi w jkun fis sakra bhas soltu, ghax tghidx x'jaghmilli.(tidhol Sr.Luk )

Sor.Luk Hawn Ton,gibtlek xi haga x'tixrob,ghax min jaf kemm ghandek ghatx miskin.

Toninu Issa ghaqqadna l-mija,nahseb aqta kemm se nahdem illum,nghidlek is-sew Sor m'ghandix ghatx ghadni lanqas it-tazza l-ohra ma xrobt,u issa jekk ma jimpurtax ha nkompli ghax jekk jigi l-imaghllem tghidx x'jaghmilli.

Sor.Luk Ara dan kemm jibza,jien hekk taghmilli l-madre,imma jien xorta niskartala x'hin inkun nista,u int qum ftit tieghek,ghax milli jidher int tibza zzejjed. Isma bil haqq x'gie jaghmel hawn is-sur Pawl?

Toninu Mela jien naf Sor.

Sor.Luk U ejja,ara ma tghidlix li ma tafx ta'ghax ma nemnekx.

Toninu Sor ghamilli pjacir u lili ssaqsini xejn,u issa hallini ghax ghadni l-anqas bdejt.(tinstema il-qampiena tal-bieb ta' barra)

Sor.Luk Dan min gie bhal issa,ha mmur nara min gie,daqt nerga nigi hdejk.(tohrog)

Toninu Ara jien ukoll imma kif dejjem insib lil xi hadt ittelifni,issa giet din ha tkompli issaqsini u jien suppost li ma nghidilha xejn ghax hekk qalli Ganni.(Toninu jaqbad jahdem)

Ganni (Jidhlu Ganni u Sr.Luk Ganni ftit jew xejn imcaqlaq) Ahna lesti jew?

Toninu Hawn Gann kemm domt ma gejt? Taf kemm ilhi nistennik, jien hsibtek mintiex gej.

Ganni Int bhalek x'ritdni? Mela ma tahdimx minghajri?

Sor.Luk Imissu ma jahdimx miskin,l-anqas waqaf illum.

Ganni Hekk nahseb min jaf kemm ilek tparla billi ma tghidtx,l-anqas li ma naghfux lil Toninu.(Jidhaq)

Toninu Gann ghax ma tpoggix ftit bil-qeghda?

Ganni Ghalfejn?

| | |
|---|---|
| Sor.Luk | Poggi Gann halli ngieblek flixkun birra. |
| Ganni | Hekk ahjar sor issa qed tirraguna. |
| Toninu | Sor mela qed titlef? Mintiex tara li dan diga mlahlah? |
| Sor.Luk | Stennini daqt mieghek Gann,(min taht l-ilsien) Isa forsi bi flixkun birra inkun naf x'inhu jigri.(tohrog) |
| Ganni | (Iqum u jmur ihares lejn l-istatwa z-zghira ta'sant Antnin) Meta se trebbahni l-lottrija int ghid? Taf kemm ilhi nitolbok biex trebbahni xi haga,imma ghandu jkun int lili ma tatix kasi,qiesni ma nezeztix ghalik,huwa naghmililek l-istatwa l-kbira kieku jien. |
| Toninu | Gann....Ganni, |
| Ganni | Hallini int!!Mintiex tara li qed nitkellem ma sant Antnin. |
| Toninu | Iwa imma mhux ahjar imorru issa? |
| Ganni | U issa imorru,l-ewwel trid tigi Sor Lukrezja,imbghad imorru!! |
| Toninu | Imma jien sarli l-hin,u issa irrid mmur ghax il-lejla ghandi appuntament. |
| Ganni | Iss qed tara Toninu taghna ghandu appuntament.(tidhol Sr.Lukrezja bil birra ghal Ganni) |
| Sor.Luk | Hawn Gann hawn ha ixrob,jekk jispicca ingiblek iehor. |
| Ganni | Grazzi Sor int biss igibli rispett,qed tara Ton hux kemm thobni sor Lukrezja. |
| Toninu | Anke lili miskina gabitli x'nixrob, f'kullhadd tahseb sister Luky |
| Sor.Luk | Gann aqtali l-kurzita,dan ghalfejn qed tirranga in-nicca ta'sant Antnin il-madre? |
| Ganni | Mela jien naf,kieku jien floka ma nirrangalu xejn lil dan,daqs kemm hu galanthom,kieku qatt irebbahni xi haga lili,lanqas haq ix-xemhat li nixalhu,mill illum il-hemm ma nixalhux ohra. |
| Sor.Luk | X'inti tghid Gann,miskin Sant Antnin f'kullhadd jahseb. |
| Ganni | Mimbarra fija sor!! |
| Sor.Luk | Jekk titolbu zgur jaqlalek grazzja. |

| | |
|---|---|
| Ganni | J'Alla darba daqs kemm ilhi nitolbu jien,kieku qatt semani lili. |
| Sor.Luk | Sinjal li dak li qed titolbu mhux ta'gid ghalik,ghax kieku jaqlahhulek sant Antnin. |
| Ganni | Qed tara kemm jilhaqlek sor,u int bhalek fejn taf x'qed nitolbu lil Sant Antnin? |
| Sor.Luk | Mela x'qed titolbu Gann? |
| Ganni | Trid tkun taf?Mela ha nghidlek halli taqta l-kurzita,hija xi haga hazina li tkun sinjur? Dak li qed nitolbu u xejn izjed forsi nzarma kollox u ma nahdimx izjed!! |
| Toninu | Mela sewwa qed tghidlek Sor Lukrezja Gann,qed tara ghafejn ma rebhekx Sant Antnin,ghax jekk int issir sinjur u zzarma kollox,jien ukoll ikolli nieqaf,u nigi bla xoghol.(Jara lil Madre wara Sor Lukrezja)Nahseb li jien ahjar nkompli xi haga ghax…. |
| Sor.Luk | U ejja l-hawn fejn sejjer,l-aqwa li m'hawnx dik,ghax kieku l-anqas kelma ma thallini nghid,ghax taf x'salib ghandi biha,lanqas temmnu kull haga li naghmel u nghid jien,tahseb li biex inkun naf l-affarijiet ta'haddiehor,ara jien x'jimpurtani x'kull wahda wkoll,huwa ghad issibni xi darba bil bijabomm……(Toninu jaghmel sinjal b'rasu lil Sor Lukrezja)x'inti taghmel Ton mela qabduk in-nervi? Kemm se ddum iccaqlaq rasek int? |
| Madre | Le dak ghax qed jara lili qed jaghmel hekk,ghadni kemm ghamiltlek priedka shiha u wedtni li mhux se terga tirrerepeti dak li ghamilt,issa gejt hawnhekk biex tiskopri xi haga min ghand dawn it-tnejn min nies,ghax dawn lilek ma tantx jafu x'int!! |
| Ganni | Isma madre int taqbad wisq ma Sor Lukrezja,hallija ftit bi-kwieta miskina,lanqas tista tiftah halqa bik. |
| Madre | Gann ikun ahjar ghal kullhadd jekk ma tidholx bejn il-basla w qoxrita,jien dejjem irrispettajtek lilek,u dejem ghaddejtek b'ragel,imma issa qed nara li inti wkoll ghandek vizzju ikrah,sewwa qal il-kappillan fuqek. |
| Ganni | Lil dak isemmihx sor,x'vizzju hu sor? Sa naf jien m'ghandiex vizzji. |
| Madre | Iva Gann int fis-sakra, u s-sakra hija dnub!! U aktar jaghmel dnub,dak li jkompli jheggek biex tixrob,aktar ikun ahjar ghalik jekk titlob lil Sant Antnin jghinnek tohrog min dan il-vizzju mishut,mela titolbu biex jaghmlek sinjur?(lil Sor Luk) U int igiblux aktar birra lil Ganni meta jigi hawn ghax inkella tkun komplici mieghu. |
| Ganni | Issa ghalfejn se twahhal f'sister Luky?Dik miskina ghax thobni gabitli l-birra,hux veru sister? |

| | |
|---|---|
| Toninu | Madre,tiehux ghalih lil Ganni,ghax ma jafx x'inhu jghid. |
| Madre | Alla hares kelli niehu ghalih,ghax kieku ga tfajtu il-barra b'kollox!! (tinstema l-qampiena ta'barra) |
| Sor.Luk | Halli mmur nara min gie,skuzawni ftit(tohrog) |
| Madre | Din qatt ma bsarta minnek Gann,tigi ghand in-nies fis sakra,prosit ghalik hej x'ragel fik,alla hares ikun jaf il-kappillan li gejt hawn fis sakra ghax jien nehel mieghu. |
| Ganni | Ara ma tghidlux lil kappillan Madre,skuzani imma bhal issa ghandi ftit ta'l-inkwiet….hemm ara x'inhu jigrili ninfex fix xorb(jidhol is-Sur Pawl ma sor Luk) |
| Sur Pawl | Propju lilek ghandi bzonn madre,il-Bambin ried li sibtek hawn ghax ghandi problema zghira(ihares lejn Toninu u jxejjirlu)iva kif kont qed nghidlek….. |
| Madre | Stenna ftit jekk jogbok sur Pawl, Emm Sor Lukrezja, mhux ahjar tmur tara jekk ghandhomx bzonn ta' xi haga hutna s-sorijiet!!(door bell rings) |
| Sr.Luk | Iva Madre arani sejra.(Sor Luk tohrog u warajja johrog Ganni inkiss inkiss importanti li l-udjenza tara lil Ganni johrog il-kontra ta'Sr Luk) |
| Madre | Issa min seta gie?Tibax tista tkompli sur Pawl,issa jaraw min gie s-sorijiet. |
| Sur Pawl | Iva ghax irrid niccara xi haga mieghek,ghax propja l-ewwel ghalhekk gejt imma inqalatli urgenza u kelli nitlaq hesrem.. |
| Madre | Ma jimpurtax Sur Pawl,imma issa ghidli ghax qed tinkwetani. |
| Kapp | (Jidhol il-kappillan xi ftit inkwetat)Mort,iva mort ghamilt rapport il-kunsill lokali,issa jekk ma jaghtux kas huma,immur ghand il-pulizija. |
| Madre | Il-marelli sur Kappillan,kemm tidher inkwetat?Fejn mort? Il-kunsill, x'ghandu x'jaqsam nghid jien? |
| Kapp | Ghax is-sindku jaf b'dak li-storbju li jaghmlu f'dak il-hanut. |
| Madre | Imma issa ahjar tikkalma ftit,poggi ftit bil-qeghda sur-kappillan.(kapp ipoggi)Skuzani ftit ghax ghandi bzonn inkellem ftit lis-sur Pawl,kompli sur Pawl, kompli. |
| Sur Pawl | (Bil-mod lil Madre)Iva,inti xi tghid kieku Sant Antnin ma jigix jixxibah kif nafuh is-soltu? |

| | |
|---|---|
| Madre | Imma ghalfejn qed tghidli hekk? |
| Sur Pawl | Inti taf kemm ghaggiltni biex inlestilek l-istatwa? |
| Madre | Iva naf,u int wedtini li se tlesti l-istatwa fil hin. |
| Sur Pawl | Iva veru kollu minnu li qed tghid,imma peress li ghamilta xi ftit bl'ghagla wiccu ma tantx gie jixxibah ma dak l-inkwadru li tghajtni inti. |
| Madre | Allura nghid jien lil min gi jixbah? |
| Sur Pawl | Inti thabbel rasek xejn ghax hekk kif tghaddi l-festa jien naghmillek ohra perfetta kif tixtieqa inti,u ghal l-ispejjes thabbel rasek xejn,dawk hallihom f'idejja, |
| Madre | Allura gie ikrah Sant Antnin? |
| Sur Pawl | (Ihares lejn Toninu)Ikrah? Ikrah ghidtli? Mela mhux ikrah,anzi nazzarda nghidlek li gie isbah milli nafuh is-soltu!!(jidhaq u jhares lejn Toninu) |
| Madre | Heq mela kollox sew la qed tghidli hekk,inhalli f'idejk jien,ara li ma tohrogniex tac-cajt.(jinstema xi ftit ghajjat min gewwa)x'rega nqala issa jekk inkun naf li dawk it-tnejn kellhom xi jghidu bi kbira tkun!!(tidhol Sor Natalina b'nifisa maqtuh tajjat lil Madre) |
| Sor.Nat | Madre....madre ejja malajr..... |
| Madre | X'gara Sor? |
| Sor Nat | Ejja ghax Ganni dahlilna fil kcina u kemm sab imbid qed jixorbu!! |
| Madre | X'ghamel dak il-mignun? |
| Sor.Nat | U mhux hekk biss imma irid bil-fors jizfen ma Sor Lukrezja. |
| Kapp | Qed tara madre kif sewwa ghidtlek jien,lil dak ma tridtx tavdah. |
| Madre | X'inhu mela vera qed jiggennen dak,ghamluli pjacir ejjew mieghi halli tajghnuni ftit.(kullhadd johrog wara l-Madre) |

Muzika mill l-ewwel u tinghalaq il-purtiera)

# TMIEM L-EWWEL ATT.

# IT-Tieni Att.

Xena 1 turi l-istess bhal ta' l-ewwel att.

(In xena xi sorijiet jidrhu qedin bil qeghda fuq sufan,min jahdem il-ganc,min jaqra u jitkelmu bejnithom)

| | |
|---|---|
| Sor.Nat | Miskina l-madre x'kedda hadet ma Ganni biex ipperswaditu li Sor Lukrezja mhix il-mara tieghu. |
| Sor.Antida | U dan Ganni kif dahhala go rasu li Sor Lukrezja l-mara tieghu? |
| Sor.Nat | Mhux hi, hallitu jidhol waraja fil kcina,dik imissa kecitu l-barra,mhux komplit ittih l-imbid!! |
| Sor.Antida | Ghandek tghid il-Bambin ried li int kont qeghda hemm gew ukoll, ghax ma tistax tghid x'kien jigri!! Min jaf x'qaghta hadet Lukrezja? |
| Sor.Nat | Da Zgur li hadet qaghta,dik tghidtx kemm bdiet twerzaq u taghjjat,x'hin ratu gej ghal fuqa.Anke il-kappillan inkwieta,ghax sthajiltu se ttih puplesija. |
| Sor.Antida | Imma Ganni mhux ragel hazin tafux,dak nahseb li kien xi ftit inkwetat u xorob xi ftit zejjed. |
| Sor.Salvina | Qed tara x-xorb zejjed x'jaghmillek hux? Ghadni niftakar meta kont ghadni zghira kien hemm wiehed joghqod hdejna,li ta' kulljum kien imur jixrob fil hanut ta'zeppi, ma kienetx taghddi gurnata li ma jigiex fis-sakra,miskina Gerita,hekk kien jisima l-mara tieghu x'kull xenata kienet taghmillu,imma kien kollu ghal xejn,ghax min widna jidhol u l-ohra johrog,imma darba fost l-ohrajn iddecidit li- taghlmu lezzjoni li jibqa jiftakara ghal ghomru. |
| Sor.Nat | Mela x'ghamlitlu Sor? |
| Sor.Salvina | Mela lejla wahda wara li Guzepp gie mix-xoghol bhas soltu,Gerit qaltlu li jekk imur jixrob,hi mhux se thallih jidhol id-dar jekk jerga jigi fis-sakra. |
| Sor.Antida | Allura xorta mar? |
| Sor.Salvina | Da zgur li mar.....Guzepp webbes rasu u telaq il-barra bhas soltu ghal ghand Zeppi ta'l-imbid,hekk kif kien fi triqtu ghal hanut elf hsieb ghadilhu min go mohhu,kif se jikkonvinci lil Gerita tieghu halli x'hin jasal lura thallih jidhol id-dar,ahseb min hawn u ahseb min hemm iddecida li dak in-nhar ma jibqax sejjer jixrob,fi'triqtu lura lejn id-dar Guzepp zelaq fuq qoxra ta'banana miskin.... |
| Sor.Nat | Kemm kien zventurat miskin,kompli sor ghax issa dahhaltni fil-kurzita. |
| Sor.Salvina | Naturalment Guzepp wegga,u lanqas seta jqum mill-art,tant li talab l-ghajnuna min xi nies li kienu ghaddejjin min hemm,haduh ghand it-tabib ghax kien hemm min qal li seta kiser siequ,izda ma kienx hekk,u t-tabib wara li ezaminah batu d-dar biex iserraha. |

| | |
|---|---|
| Sor.Antida | Qed tara,sewwa tghid ommi li l-kelb il-makus idur ghalih id-dubbien,allura mbaghad kif baqa Guzepp? |
| Sor.Salvina | Da zgur ghax x'hin ipprova jimxi ma setax,u qal lit-tabib biex forsi jkunx jista jwasslu hu,t-tabib qallu li issa jwasslu imma jrid jistennih,ghax kien baqalu jara l-ahhar zewg pazjenti x'jara. |
| Sor. Nat | U Gerit min ghaliha li Guzepp qieghed jixrob ghad Zeppi ta'l-imbid.(jidhqu) |
| Sor. Salvina | Mela miskin…u Guzepp iwahwah bl'ugih,imsomma hekk kif lesta t-tabib ra kif ghamel u rikkeb lil Guzeppi fil karozza u saq lejn id-dar ta'Guzepp…hemm kienet Gerit fil gallarija tistennih gej,imma dik qatt ma basret li Guzepp kien riekeb fil-karozza mat-tabib,x'hin it-tabib nizzel lil Guzepp mil karozza u ratu jghinu biex jimxi iktar hasbet li xorob,u kemm sabet affarijiet bidet twadabomlu mill galarija,anke t-tabib laqqat xi daqqa,imma l-aktar li-mar min taht kien Guzepp ghax laqtitu b'qasrija fuq rasu u ghamlitlu sewg ponti,tghidtx x'pandimonju qam dak in-nhar,sal pulizija kienu gew,u damu ftit biex ikonvincew lil Gerit li miskin Guzepp dak in-nhar ma xorobx!!(jidhqu) |
| Sor. Nat | Nahseb li dik kienet l-ahhar darba li mar jixrob Guzepp!!(tidhaq) |
| Madre | (Tidhol il-madre) Ghiduli biex qedin tidhqu halli nidhaq jien ukoll. |
| Sor. Antida | Ghax sor Salvina rrankontatilna storja fuq kemm hu hazin ix-xorb zejjed!! |
| Madre | Mhux ahjar ghidna xi hames posti ruzarju minflok qadna nghidu c-cajt!! |
| Sor. Salvina | Mela dan cajt Madre?Ahna konna qedin nitkelmu fuq il-kas li ghaddejna minnu ahna stess,dak tghidlu cajt int? Miskina min jaf x'qata hadet Sor Lukrezja! |
| Madre | Haqqa…haqqa nerga nghid,mhux hi tatu jixrob lil Ganni? Kieku ma kienx jaghmilla hekk, ma tafx Sor Lukrezja li Ganni jhobb il-qatra?Hekk taghmel,kull meta jigi hawn ara sejra tiftahlu l-birra,issa avzajta jekk nerga narha taghtih xi xorb hazin ikun ghalija!!Ghal kull flixkun li ttih,ikollha tahsel l-art ghal gimgha shiha!! |
| Sor.Antida | Ma tahsibx li qed tkun xi ftit harxa ma Sor.Lukrezja,madre. |
| Sor.Nat | Taf ghalfejn tghid hekk,ghax inti qatt ma kellek problemi maghha,sewwa taghmel madre,forsi xi darba titghallem!! |
| Sor.Antida | Int hadta fuq demm id-dars wisq,dan kollu ghax ittawlet f'dak il-pakket li kellek lanqas li haditlek xi haga minnu,mur ara x'kellek fih,kemm se taghmilha bi kbira marelli!! |

| | |
|---|---|
| Sor.Nat | Qed tisma Madre hux,lanqas naqra privatezza ma jista jkollok hawn gew. |
| Madre | Issa naqtawa u dak narah jien x'naghmel u x'ma naghmilx!!Issa ahjar nibdew nahsbu,tafu li rridu mmorru l-kunvent tar-rabat illum hux,u ghandu jigi Toninu l-lavrant ta'Ganni halli jkompli x'xoghol ukoll |
| Sor.Salvina | Kemm hu tifel sew hux Toninu Madre,min se joghqod ma Toninu madre? |
| Madre | Mhux Sor Lukrezja,issa nghidilha li gej Toninu halli tibqa hawn mieghu,Ha nghidilkom,htija tieghu li ma keccejt lil Ganni l-barra,hu zamni, ghax ma rriedtx li jbati hu.(Tidhol Sr.Lukrezja) |
| Sor.Luk | Nista nidhol? |
| Madre | Nahseb ma kellekx ghalfejn issaqsi ghax ga dhalt. |
| Sor.Luk | Madre,ghal li jista jkun mhux gej Toninu illum hux? |
| Madre | Iva gej Toninu illum? |
| Sor.Luk | Allura se nhalluk wahdu hawnhekk? |
| Madre | Wahdu?Mela ahna nistaw inhalluh wahdu,ma tarax. |
| Sor.Luk | Mela allura min se joghqod mieghu,ahna mhux sejrin ir-rabat illum? |
| Sor,Salvina | Jiena sejra ghax irrid nahseb.(tohrog) |
| Sor.Antuda | Anke jien ghax qed isir il-hin.(tohrog) |
| Madre | Kont se nghidlek forsi toghqod mieghu int ghal illum. |
| Sor.Luk | Jien? Imma kif dejjem jien nibla kollox!! |
| Madre | Sr.Lugrezja mhux ahjar hekk inkella ghar? |
| Sor.Luk | Iva madre kollox sew,noghqod jien maToninu,xejn, xejn noghqod nitkellem ftit mieghu miskin. |
| Madre | Tkellem kemm trid,imma kelma nieqsa ahjar min zejda,ghax paroli zejjed l-anqas ghal l-avukati mhu tajjeb. |
| Sor.Luk | Kollox sew Madre. |
| Sor.Nat | Madre jiena ha mmur ghax ghad irrid naghmel il-basket bl'affarijiet li rrid niehu mieghi, |
| Madre | Kollox sew mur halli issa nwasal lilek l-ewwel.(Sr.Nat tohrog) |

Sor.Luk Mela se isifer Sor Natalina,Madre?

Madre X'se ssiefer hu,se tibda tivvina? Nahseb ahjar nibqa hawn u ma mmur xejn ir-rabat ghax min jaf kemm se tparla fil-vojt ma Toninu.... u bil haq haga ohra,jekk jigi Ganni ara ma nkunx naf li ittih xi flixkun birra jew xi mbid f'himt hux?

Sor.Luk U ma tarax Madre mela jien qed niggennen,mur, mur u toghqodx tinkwieta ghalija.

Madre Nispera,ma toqodx ittelfu min xoghlu lil Toninu,hallih forsi jfittex ilesti.

Sor.Luk Halli f'idi madre kollox sew(madre tohrog)Ghal l-erwieh telqet fl'ahhar, ghandu jkun lili tahsibni xi wahda min wara l-muntanji l-madre,ghada ma tafx min jien din,ma nistax nifhem il-ghala mqabda mieghi daqshekk,jien niprova noghqod attenta kemm jista jkun maghha,imma hi ma tistax tarani b'ghajneja,ma nistax niccaqlaq biha,ghal kull haga ta'xejn tiggastigani, huwa taf kemm se ddum taghmel hekk hux, sakemm f'lahhar tasal dik il-gurnata li nilhaq madre jien,imbaghad aqta kemm tibqa tikkmanda ghax il-kuridur tlett darbiet ikollha taghmlu.(tmur fejn l-istatwa ta'sant Antnin) Ommi ma x'jien nghid,ahfirli Sant Antnin mhux ghax riedt.....huwa int ukoll lanqas tidhol ghalija!!Ghalxejn nitolbok kulljum biex taqlali grazzja forsi l-madre ma taqbadx aktar mieghi!!(jidhlu Sr.Antida u Sr.Salvina)

Sor.Antida Lukrezja, ahna ghadnilha lil madre biex thallik tigi maghna imma kien kollu ghalxejn, ghax qalet li xi hadt irrid joghqod ma Toninu.

Sor.Salvina Qed inhosni hatja li inti mhix gejja maghna.

Sor.Luk Thablux raskom ghalija,Cindirella mhux hekk grala,kullhadd mar ghal ballu u hi baqet hemm wehida,mbaghad x'gara?Giet is-sahhara t-tajba u anke hi irnexxila tmur il-ballu ukoll.

Sor.Salvina X'inti tghid Lukrezja?Isma mintiex thossok xi ftit ma tiflahx hux?

Sor.Luk Le..le,anzi qatt ma hassejtni tajba daqs illum,morru .morru halluni hawn wahdi tibzawx,issa mhux daqt jigi Toninu hekk jew b'hekk ma nibqax wahdi.

Sr.Nat Sr.Lukrezja wasal Toninu,(Toninu jidhol) Ejja ghaddi Ton issa ahna hergin imma se jkun hawn Sr.Lukrezja mieghek hu naqra pacenzja.

Sor.Luk Biex tridu jiehu pacenzja bija? Ara mur, ghax malajr nghidlek b'min jiehu pacenzja Toninu!!(tidhol il-Madre)

Madre L-umilta sor,m'hemm xejn isbah milli tkun umli fid-dinja,Ton hu hsieb u jekk ikollok bzonn xi haga ghid lil Sr.Lukrezja f'temna?

Toninu Iva sor thabbilx rasek jien u sor Lukrezja naghduha tajjeb tibzax.

Madre (Tahtfu) Mhux taghduha tajjeb,ara qis li kullhadd fuq xoghlu u mhux noghqodu nparlaw fil vojt ghax illum trid tlesti int.......fhimt !!

Sor.Luk Mur, mur u serrah rasek madre kollox ikun lest tibzax,u bil haq sellili ghal shabi s-sorijiet tal-kunvent tar-Rabat.

Madre Inservik.....imxu .imxu halli mmorru ghax sar hafna hin u se naslu tard.(madre u s-sorijiet l-ohra johorgu) sahha sor, sahha Toninu.

Toninu Sahha madre u halli l-min jarak mill l-inqas.

Sor.Luk Bizzejjed dimonju ghax jekk tisimek,zgur li titfak il-barra.

Toninu Hux tkeccini min jisimek,ma tarax dik bhal issa hi bzonni, ghax trid li n-nicca tkun lesta ghal festa ta'sant Antnin.

Sor.Luk Iss.. mur ara,taghmel nicca sabiha biex imbaghad statwa daqs naqra,miskin Sant Antnin jisthoqlu ahjar min hekk,mhux hekk Ton?

Toninu X'igifieri Sor ma fimtekx?

Sor.Luk U mhux vera,dik imissa ilha li ordnat statwa akbar mela din.

Toninu Forsi ghad taghmillu wahda kbira lil Sant Antnin.

Sor.Luk Nghidlek is-sew jien hekk ghidt x'hin rajt lis-sur Pawl hawn,imma ma stajtx naqbad art fuq fix bdew jitkellmu.... ghax ha nghidlek ta'... xejn ma tkun taf min ghanda!!

Toninu Jien nahseb li ahjar nibda xi haga ghax illum irrid inlesti min hawn.

Sor.Luk Ara dan kif jaghmel ukoll,issa c-cans li toghqod ftit bi'kwietek x'hin mhix qeda hawnhekk hi,ghax li kieku l-hin kollu tikkmanda. Ismani Ton inti lis-sur Pawl tafu?

Toninu Nafu?......Jien mhux issa sirt nafu,u ghalfejn qed tistaqsini?

Sor.Luk Ghax ghidt min jaf kieku cempillu ftit u saqsih ghalfejn il-madre batet ghalih?

Tonninu U ma tarax Sor mela jien qed niggennen,u jekk jiksirni?

Sor.Luk Hux jiksrek hu, daqs kemm hu min taghna s-sur Pawl.

Toninu Mela ghax ma ccempillux int sor,nahseb li lilek aktar jghidlek ghalfejn gie hawn.

Sor.Luk Da zgur mhux hekk,l-aktar jekk il-madre qaltlu biex lili ma jghidli xejn!!

Toninu Heq jista jkun ukoll ghax ghanda habta taghmel hekk,ikolli nghid li lil Ganni hekk qaltlu biex jaghmel ghax lili taf kemm dam jghidli biex ma nitkellimx mieghek.

Sor.Luk Iwa?Mela anke int taf ja broxk l-int!! Jekk mhux se tghidli la jigi Ganni nghidlu li kemm ilek hawn ma ghamilt xejn,u nghidlu wkoll li qadt tghid kontrih.

Toninu U jien la tigi l-madre taf x'nghidilha? Nghidilha li int il-hin kollu tghid kontra taghha u jekk jigik cans se tpattilha!!

Sor.Luk Uuuu giezu giz,x'inti tghid Toninu?Jien m'ghidtlek hekk,hekk ghandek tghidilha biex titfani l-barra min hawn,zgur li nispicca f'kunvent iehor ghax transfer naqla,ghidli li biex ticcajta ghidtli hekk Ton!!

Toninu Niccajta? Niccajta sabih,ara tippruvax tghid xi haga lil Ganni,halli tara kemm qieghed niccajta.

Sor.Luk Ara dan kemm hu helu,mela int hsibt li jien bis-serjeta qed nghidlek,u mur l-hemm ma tarax,li jien mhux se nasal s'hawn, jien biex niccajta ghidtlek hekk dak kollox.

Toninu Jaqbillek ghax kollox nghidilha la tigi.

Sor.Luk Ara halli mmur nghamillek xi haga, nahseb li ghandek aptit ta'flixkun luminata.

Toninu Issa qed tirraguna Sor,jien hsibt li kont insejtni llum(Sr.Lukrezja tohrog) Nahseb li se jkolli nghidilha b'kollox lil sor Lukrezja,ghax jien ma bsartx li se tibqa hawn mieghi,jien hsibta li sejra maghhom ir-Rabat,ahjar incempel lis-sur Pawl halli nghidlu li hawn Sor Lukrezja,min banda ahjar ghax ma nkunx wahdi mieghu dak,(idoqqlu l-mobile) Hello.....hawn sur Pawl, kont se nncempillek lanqas temmen.........ghax ha nghidlek Sor Lukrezja baqat hawn....heq xi tridni naghmel jekk il-madre ma hallitix tmur maghhom....inti fi triq qieghed?..... Mela issa nara kif nghidilha lil Sor.Lukrezja...kollox sew caw.Issa sew ghax dak wasal biex jigi u zgur li jkolna nghidulha b'kollox lil sor Lukrezja.(tidhol Sr.Lukrezja)

Sor.Luk Ma min kont qed titkellem Ton sewwa smajt jien?

Toninu Sewwa smajt Sor u ma taqtax min kien.

Sor.Luk Min Ton,il-madre jew?

Toninu Hux il-madre…..s-sur Pawl Sor,ghax saqsini jekk jistax jigi s'hawn illum.

Sor.Luk U inti x'ghedtlu?

Toninu Xi tridni nghidlu.

Sor.Luk Ghax m'ghidtlux biex jigi jahasra,illum ghandi ic-cans li nkelmu,kif m'hawnx hi.

Toninu Jien nahseb li jigi tibzax,ghax jekk ma jigix illum, meta tridu jigi?

Sor.Luk X'jigifieri Ton? Iccara d-diskors ghax issa se thawadni,x'gej jaghmel is-sur Pawl illum hawnhekk?

Toninu Ahjar ma ssaqsinix aktar mistoqsijiet ghax jien ma naf xejn.

Sor.Luk X'ma tafx Ton? Int taf xi haga u ma tridx tghidli,ghalfejn se toghqod ittertaqli qalbi ghid? Iktar ma taf li nbati bil kurzita aktar se taghmilli qalbi gungliena.

Toninu Jien mhux ghax ma rridtx nghidlek,imma ma nistax,ghax jekk il-madre tkun taf li ghidtlek,tghidx x'taghmilli!!

Sor.Luk Kif tridha tkun taf,mela jien se mmur nghidilha li ghedtli int,kemm hsibtni belha!!

Toninu Twedni li ma titkellem xejn ma hadd?

Sor.Luk Da zgur li nwedek,imma issa fittex ghidli ghax se jtini attakk tal-qalb bil kurzita li qabbattni!!

Toninu Le ahjar xejn ghax jien weghdt lil Ganni li ma nghidlek xejn.

Sor.Luk Imma issa hallik min Ganni dak x'jimpurtah min dak li qalet il-madre.isa ghamel kuragg u ghidli Ton.

Toninu Ara sor,il-madre ordnat statwa kbira ta' Sant Antnin u xtaqet li hadt ma jkun jaf qabel il-festa tieghu,specjalment int !! Ghax qalet li jekk inti tkun taf,il-kunvent kollu jsir jaf, u ma tibqax sorpriza.

Sor.Luk Mela sewwa bsart jien,ghalhekk dawk it-telefonati kollha mas-sur Pawl l-iskultur,sewwa kont qeda nxomm jien,ghal l-erwieh jahasra sa fl'ahhar qtajta xewtqi, m'Alla ma mortx maghhom ir-Rabat ghax kieku ma kontx insir naf.

Toninu Issa ara ma taqbizlekx xi kelma Sor ghax jien nehel ma ras il-madre.

| | |
|---|---|
| Sor.Luk | U int halli f'idi ma tarax,issa haqqek xi haga tajba fuq din,stennini daqt mieghek(tohrog ferhana) |
| Toninu | Ara jien x'mort ghamilt b'idejja wkoll,imma kemm ghandi lsieni twil issa jekk Sor Lukrezja tmur tparla ma xi hadt, mhux jien naqa ghac cajt ma Ganni u mal-madre,(tinstema l-qampiena tal ta'barra)Nahseb li wasal is-sur Pawl,ahjar nghid lil Sr.Lukrezja ghax mhux zgur li semata l-qampiena,(isejjah lil Sr. Lukrezja) Sor Lukrezja..... Sor ......habbat il-bieb.....dik fejn marret?Sor Lukrezja...... |
| Sor.Luk | (Min gewwa) Xi trid Ton? |
| Toninu | Ejja ghax qed ihabbat il-bieb. |
| Sr.Luk | (Min gewwa) Mur ara naqra min gie jekk jogbok Toninu,ghax qeda fuq it-telefon, |
| Toninu | Qeda fuq it-telefon? Imma jien ma smajtux idoqq it-telefon....Maghmula tieghi diga qed iccempel lil xi hadd dik imma kemm jien zventurat jien,imma kif ma zammejtix kelma Ton.....(terga tinstema l-qampiena ) |
| Sor.Luk | (Terga min gewwa) Mela ma mortx tiftah Toninu? |
| Toninu | Iva ,iva sejjer sor.(Toninu johrog biex iwiegeb il- bieb wara pawsa zghira jerga jidhol mas-sur Pawl) Ghaddi sur-Pawl ghaddi. |
| Sur-Pawl | Mela wahdek? Int m'ghidtlix li hawn Sr.Lukrezja? |
| Toninu | Ghax marret iggibli xi haga min gewwa. |
| Sur-Pawl | Habat tajjeb li qedin wehidna,hawn ha ipprova din,halli tara jekk tigiekx. |
| Toninu | Dik x'inhi? |
| Sur-Pawl | Xi trida tkun ,mhux ic-coqqa li trid tilbes. |
| Toninu | Sur-Pawl...nahseb li ahjar tinsa kollox,qed inhoss li gejja xi wahda tinkiteb,jekk tinduna l-madre maghmula taghna.(Jinstema xi diskors)Ikolli nghid li gej xi hadd(Jidhlu l-kappillan u s-sindku) |
| Kapp | Hawn int Guvnott,il-madre fejna? |
| Toninu | Il-madre harget. |
| Kapp | Harget?Dan kif harget,jien ghandi bzonn inkellima,hemm ara mort gibt Lis-sindku halli tkellmu hi wkoll fuq Ganni. |
| Toninu | Imma bhal issa m'hawn hadd,ghax il-madre marret ir-Rabat mas-sorijiet. |

| | |
|---|---|
| Kapp | Jigifieri halliet hawn wahdu?Taf li anke l-bieb ta'barra hallejtu miftuh? Jiena w is-sindku bqajna diehlin qiesu qatt ma kien xejn,hux sur-sindku? |
| Sindku | Iva vera,illum ma tridtx tavda ghax malajr jissltjawk u jisirquk. |
| Kapp | Allura ma halliet lil hadd maghkom? |
| Toninu | Da zgur li halliet,hawn sor Lukrezja maghna. |
| Kapp | U dik fejn qeghda,dik imissha qeghda hawn maghkom. |
| Sur Pawl | Isma sur Kappillan ahna mahniex tfal zghar,nahseb li m'hemmx ghalfejn Ikollna l-ghassa maghna. |
| Kapp | Skuzani sinjur imma jien ma naqbilx mieghek,taf ghalfejn qed tghid hekk, ghax int ghadek ma tafx kemm qed jigru affarijiet strambi hawn,go dan il-kunvent.Isma wara kollox int min int mister? |
| Sur Pawl | Jiena Pawlu Gambin Manpalaw. |
| Sindku | Sewwa bsart,Pawlu....Pawlu Gambin l-iskultur,mintiex tarafni lili? |
| Sur Pawl | Le miniex,jiddispjacini. |
| Sindku | Jiena Karmenu Axiaq,konna l-liceo flimkien. |
| Sur Pawl | Iva,tassew issa qed narfek,il-marelli kemm inbdilt,sur Karm. |
| Kapp | (Jaqtalhom id-diskursata)Guvnott mur ghid lil sor Lukrezja tigi ftit. |
| Toniniu | Le ta'mhux ha mmur sur Kappillan |
| Kapp | (Xi,ftit bir rabja) X'jigifieri ma tmurx ? Qed nghidlek mur ghidilha tigi. |
| Toninu | Jekk immur u jigi Ganni tghidtx x'jaghmilli,jien nehel zgur. |
| Kapp | Lil dak hallih f'idi,jekk jigi tant ahjsr ghax ahna ghalhekk gejna,hux veru sur Sindku. |
| Toninu | Jien sejjer,imma jekk jinqala xi haga,int trid tirrispondi. |
| Kapp | Iva,iva kollox sew issa murghidlu jigi.(Toninu johrog) |
| Sur Pawl | Allura sur Karm kif inti,skuzani imma li kieku m'ghidtlix int ma kontx araftek. |
| Sindku | Ma jimpurtax Pawl,jiena indunajt li m'araftnix tibzax,jiena tajjeb grazzi,u inti? |
| Sur Pawl | Imsomma bhal issa ma tantx jien tajjeb wisq. |

Sindku Mela x'inqala? Forsi nista naqdik f'xi haga? Toqghodx thabbel rasek ghidli,fejn nista nghinnek.

SurPawl Ma nahsibx li tista tghini fija l-bicca,Sur Karm.

Sindku Taf li qed tinkwetani Pawl.Skuzani imma jekk ma tghidlix jien ma nkunx naf jekk nistax nghinnek jew le,(Kapp jiprova jaqbad xihu jinghad)

Sur Pawl U ghax,jien nivvintom,fettilli mmur.......(jahtfu fil kelma l-kapp)

Kapp Bsartu jien,mela ghaqlahha,mort tilabhom ghand Gamri ta'l-imbid u tlift kollox zgur? Haqqek,haqqek aktar min hekk,imisswk tisthi tmur go dak il-hanut,mela int iehor min dawk il-galantomi li jpoggu hemm.

Sindku Veru Pawl? Int tmur tilab u tixrob f'dak il-hanut?

Sur Pawl Min jien?lanqas biss naf fuq xiex qedin titkelmu.

Kapp E le ma tafx,kollha hekk taghmlu intom,l-ewwel taghmlu kif jidrilkom imbghad,meta tigu darkhom mal hajt,taghmlu bhal San Pietru,tibzaw tammettu.(jidhlu Sor Luk u Toninu)

Sor Luk Ara min hawn il-kappillan,Toninu qalli li trid tkellimni,x'ghandek bzonn?

Kapp L-ewwel nett fejna l-madre?

Sor Luk Il- madre l-llum mhix hawn sur Kappillan,dik marret ir-Rabat,ma hutna s-sorijiet l-ohra,ara jien qiesni cindirella,hallewni hawn wahdi.Issa jekk ghandek bzonn xi haga,tista tghid lili ghax illum jien min floka!!

Kapp Imma jien lilha ghandi bzonn inkellem,w urgenti!!

Sor Luk Tibzax sur Kappillan,illum jien in charge tal-kunvent.

Kapp Fejn taf kemm int in charge,fejn kont x'hin dhalna ahna,taf kien hem mil-bieb ta'barra miftuh? Seta dahal min ried u int lanqas biss kont tinduna.

Sor Luk Imma jien sakkartu,zgur li sakkartu.

Kapp U dan kif hallejt lil dawn in-nies wehidhom hawn gew.

Sor Luk Imma din mhux l-ewwel darba li hallejnihom wehidhom lis-sur Pawl u l-Toninu.Mela int hallejtu miftuh il-bieb Toninu,x'hin mort tiftah lis-sur Pawl u mhux jien.

Toninu Ara din kif taghmel,issa twahhal fija issa?

| | |
|---|---|
| Sor Luk | Da zgur,mela nehel jien mal kappillan,ghidlu li int hallejtu miftuh il-bieb u mhux jien,ghax issa jugzani lil madre. |
| Kapp | Din mhix skuza,xorta wahda int tehel,ghax int stess ghidtli li l-madre hallitek in-charge tal-kunvent. |
| Sor Luk | Imma kemm jien zventurata jien,Ton dan kollu tort tieghek. |
| Kapp | Issa naqtawa,la tigi l-madre naraw ghalfejn qed jidhol kullhadd hawn gew(ihares lejn is-sur Pawl) |
| SurPawl | (Offiz)Int ghalija qed tghid sur Kappillan? Ghax jekk fil kas irrid spjegazjoni min ghandek. |
| Kapp | Issa intijilek li-spjegazjoni lilek(lis-sindku)Skuzani sur-sindku,imma jiena xi ftit jew wisq nervuz,u l-kuntralju jinkwetani,issa sor imxi halli nkellmek x'imkien iehor……ejja imxi maghna sur sindku ma jimpurtax. |
| Sor Luk | Mela imxi fl'ufficju tal madre,hekk jew b'hekk jien nista nidhol fih,illum jien min floka.(Kapp,Sr.Luk,Sindku johorgu) |
| Sur-Pawl | Smajtu Toninu lil Kappillan?Lili x'hasibni dak?Ghadu ma jafnix lili,ara ma jahsibx li se noghqod ghal dak li qalli. |
| Toninu | Aktar int se toghqod taghti kas sur Pawl,ghalfejn qed tinkwieta?Erhilu jghid li jrid il-Kappillan,dak hemm mohhu fil hanut ta'Gejtu,halef li jalaqulu. |
| Sur Pawl | Imma mhux sewwa qed jaghmel,mhux kullhadd irid jaqla lira!! |
| Toninu | Jien taf xi smajt il-pjazza,qalu li jekk jibqa sejjer hekk se jaghmlulu bojkott,u flus ghal festa mhux se jtuh. |
| Sur Pawl | Pero nahseb li l-kappillan mhux f'siktu bhal issa,ikolli nghid li ghaddej mill meno pawsa.(ihares lejn l-arlogg)Il-marelli kif insejt,ejja halli nipprovaw din l-imbierka coqqa.(Toninu jilbes ic-coqqa u sur-Pawl jiprova jghinu jilbes)Kemm tixraqlek Ton, perfetta toghqodlok,l-anqas qatt ma bsart li se tixraqlek daqshekk,issa taf x'naghmlu. |
| Toninu | X'naghmlu? |
| Sur-Pawl | Meta nigi biex naghmel il-mudell ta'li statwa l-ohra,naghmlu min fuqek,daqs kemm gejt tixbhu marelli lil Sant Antnin!! |
| Toninu | Ma nigi xejn u ghamilli pjacir lili hallini bi kwieti ghax dan it-tahwid idejjaqni, u issa haffef ghax daqt tara lil Sor Lukrezja gejja.(Toninu jkun se jibda jinza c-coqqa min fuqu.) |

| | |
|---|---|
| Sur-Pawl | Stenna qabel ma tnehhi c-coqqa min fuqek, inti lest mix-xoghol li kellek taghmel fin nicca? |
| Toninu | Jekk miniex lest ftit baqa…ghalfejn? |
| Sur-Pawl | Ghax irrid nara kif tidher x'hin tkun hemm fuq il-pedestal go n-nicca. |
| Toninu | Ghafli sur-Pawl se naghxqu kollox fl-ahhar. |
| Sur-Pawl | Ejja….ejja itla halli nara kif se tkun fin-nicca.(Toninu jitla fuq il-pedestal) Li mhux ghax naf li inti Toninu,lanqas kont ninduna bid-differenza bejnek u bejn Sant Antnin!! |
| Toninu | Tghid mhux hekk, raggira jonqosni u mbaghad nigi nixbhu ezatt. |
| Sur-Pawl | Tibzax anke ghal dik hsibt,hawn ha ilbiesa ha narak. |
| Toninu | U ara hemm li ma tmurx tidhol Sor Lukrezja u ssiebni fuq dan il-pedestal,u tahsibni qieghed nitmellah b'Sant Antnin. |
| Sur-Pawl | Ejja halli nghinek tinsel li ma tmurx twegga(imur izomm lil Toninu) |
| Toninu | Tghini xejn u ghamilli pjacir tmisnix.(Sor Lukrezja issejjah lil Toninu min gewwa) |
| Sor.Luk | (Min Gewwa) Toninu ,jekk gie xi hadd ghalija ghidlu daqt gejja. |
| Toninu | M'ghandekx ghagla Sor,halli f'idi,……ejja ghax waslet biex tigi,halli naraw se naghmlu. |
| Sur-Pawl | Ejja halli tilbes ir-raggira w erga itla fuq il-pedestal, kif Sr.Lukrezja mhix qeda hawn. |
| Toninu | X'naghmel? Mela jien se noghqod tilha u nizel jew?Ahna ma x'ftehmnix li ghada se nitla fuq il-pedestal,tghidlix li se noghqod hemm fuq s'ghada? |
| Sur-Pawl | Int halli f'idi jahasra, itla hemm fuq ejja. |
| Toninu | Jien se nitla imma se naghxqu kollox,zgur li se tinduna s-soru..(Toninu jitla fuq il pedestal u Sur-Pawl imur jipprova jghinu minn wara) Ara hemm hallini ha nitla wahdi. |
| Sur-Pawl | Ara dan kif jaghmel, min fuq li gejt biex nghinnek.(Toninu jitla fuq il-pedestal) |
| Toninu | Ghamilli pjacir u tghini xejn,u ma nibqalekx obligat,grazzi xorta wahda!! |

| | |
|---|---|
| Sur-Pawl | Hekk prosit issa irrid nara jekk Sor.Lukrezja tindunax li int mhux statwa vera,(Isejjah lil sor-Lukrezja) Sor.Lukrezja……Sor Lukrezja,ejja ftit jekk jogbok. |
| Toninu | Ghalfejn qieghed issejhila ?(ikun ze jinzel imma s-sur Pawl ma jhallihx) |
| Sur-Pawl | Isma minni w ibqa hemm,halli naraw l-ewwel reazjoni ta'Sor Lukrezja. |
| Sor.Luk | (Min gewwa)Gejja Toninu ghax kont fuq it-telefon) |
| Sur-Pawl | Isa ghoqod sewwa bhal Sant Antnin. |
| Toninu | Issa jien, naf kif joghqod Sant Antnin? |
| Sor.Luk | Hawn jien Toninu(tara li sur-Pawl) Toninu fejn hu sur Pawl? |
| Sur-Pawl | Toninu mar jixtrili daqt gej.Il-Kappillan telaq sor? |
| Sor.Luk | Iva telaq fl'ahhar anke s-sindku mar mieghu,ghandek tghid hlist mill madre illum,kellu jigi dan is-salib jilhaqli salibi.Ghalfejn sejjahtli sur-Pawl?X'ghandek bzonn? |
| Sur Pawl | Xejn specjali kull ma rrid,oppinjoni, |
| Sor.Luk | Oppinjoni min ghandi tridha nghid jien? |
| Sur Pawl | Iva irridek tghidli x'jidirlek min din!!(jurija lil Toninu libes ta'sant Antnin fuq il-pedestal) |
| Sor.Luk | (Tibqa mistagba bli qed tara) Sur Pawl….. dik min fejn giet dik l-istatwa? Sant Antnin protettur taghna idhol ghalina int (trodd is-salib ghal hafna drabi)din kif…..imma jien il-madre ma qaltli xejn li kellek iggib xi statwa. |
| Sur-Pawl | Il-madre ghadha lanqas biss taf li jien gibt l-istatwa hawn,ghax Alla hares tkun taf li qed nurija lilek. |
| Sor.Luk | Dan meta…..u kif ordnata minghajr hadd ma jaf?....Ghalmenu jien ma naf b'xejn,ghax ha nghiduha kif inhi,lili xejn ma tghidli dik.(tmur biex tmiss l-istatwa) |
| Sur Pawl | Heq le Sor,ghal issa tmissix ghax dik ghada friska, u ma tkunx nixfet sew.(ihares lejn Toninu) Isma sor il-madre lil hadd ma qalet,hi ppruvat izzomma sorpriza ghalikom |
| Sor.Luk | Ismani,jiena ilni li xammejt xi haga,imma ma kontx certa ghax kemm il-darba qbatta titkellem mieghek fuq it-telefon,hux vera sur-Pawl? |
| Sur Pawl | Iva veru ikolli mametti li dhalt ghal bicca xoghol li ma kellix xi rrida. |

| | |
|---|---|
| Sor.Luk | Ghax qed titkellem hekk sur Pawl? |
| Sur Pawl | Uuu ghax ma kellix zmien bizzejjed biex naghmilha kif xtaqt jien,lil madre ga taraftila xi haga,inti x'jidirlek minna Sor? |
| Sor.Luk | Jien nghidlek is-sew ma tantx nifhem fl'istatwi,imma jidirli jien ma tantx fiha xi tmaqdar. |
| Sur Pawl | Imma mintiex tara xi haga mhux tas-soltu fl'istatwa. |
| Sor Luk | X'ghanda mhux tas soltu sur Pawl? Iva issa naf il-Bambin,fejnu l-Bambin? Is-soltu Sant Antnin ikollu Bambin f'idejh. |
| Sur Pawl | Le mhux ghal Bambin qed nghidlek, dak issa nqedulu wiehed tibzax,imma n-generali kif tarah lil sant Antnin,nghidu ahna wiccu kif tarah? |
| Sor.Luk | Zomm naqra halli nilbes in-nuccali ta'ghax minghajru ma nara xejn jien, hiii tassew kemm hu ikrah!! Dan iktar gie jixbah lil Toninu,isma ma maghmlux mod li hadt l-mudell min fuqu? |
| Sur Pawl | Anke jien hekk ghidt,qed tara l-ghagla x'taghmel,jien avzajta lil madre biex ma taggilniex imma kien kollu ghal xejn ghax webset u riditha ghal festa. |
| Sor.Luk | Issa xieraq ma togobix, u tghidlek li ma tridix,mbghad x'taghmel sur Pawl? |
| Sur Pawl | Le jien ga avzajta li kif taghddi l-festa naghmilha ohra jekk ma togobiex. |
| Toninu | U anke jekk togoba u fittex nizzilni min hawn fuq!! |
| Sor.Luk | Kellimtni Sur Pawl? |
| Sur Pawl | (jithawad) Le …le sor mhux lilek qed nghid. |
| Sor.Luk | Ix-xoghol sur-Pawl ix-xoghol zejjed ma jhallikx tirraguna,imissek tnaqqas ftit dan ix-xoghol kollu,m'ghandekx xi tridu.(tinstema l-qampiena ta'barra) Dan min seta gie bhal issa? Nahseb li gie Toninu halli mmur niftahlu.(tkun se tohrog) |
| Sur Pawl | Stenna …stenna Sor, jekk gie xi hadd li jrid jidhol hawn zommu ftit hemm barra,halli jien nilhaq nahbi l-istatwa. |
| Sor Luk | Ghalfejn? Mela ahna se noqghodu nahbuh lil Sant Antnin?(terga tinstema l-qampiena) |
| Sur Pawl | Mur sor isma minni. |

| | |
|---|---|
| Sor.Luk | Kollox sew la trid hekk.(tohrog) |
| Sur Pawl | Ajma ghal l-erwieh.(Toninu jinzel irrabjat min fuq il-pedestal) |
| Toninu | Le…le u le, ma jistax ikun,mela jien nista noghqod hemm fuq dal hin kollu? Ma tarax,lanqas jekk ittini flus doppji!! Mur sib lil xi hadd iehor biex jaghmilha ta'sant Antnin(ippoggi bil qeghda) |
| Sor.Luk | (Min gewwa) Ejja Gann…ejja halli tara xi statwa ghamlinna s-sur Pawl. |
| Sur Pawl | (Panikjat)Qum min hemm ghax gie Ganni,ghar ruh min ghandek mejjet Ton ghinni nohrog min din il-balbuljata!! |
| Toninu | (Ghal l-ewwel jirrifjuta li jerga jitla fuq il-pedestal)Le ta' kollu ghalxejn li qed tghidli ghax mhux se nerga nitla hemm fuq. |
| Sur Pawl | (Igebdu biex jitla) Ejja itla Ton f'gieh kemm hemm ghax waslu!! |
| Toninu | Se nitla,imma ara ma thallinix hawn il-hin kollu(Toninu jitla fuq il-pedestal u s-sur Pawl jaghttih bl-lizar)Dan ghalfejn ghamiltli hekk sur Pawl? |
| Sur-Pawl | Inti halli f'idi w issa bizzejjed ghax jisimghuk,issa itla u ticcaqlaqx.(jidhlu Sor Lukrezja u Ganni) |
| Sor.Luk | Ejja Gann idhol…..sur-Pawl wasal Ganni. |
| Sur Pawl | Ara Ganni,kif inti Gann? |
| Ganni | Jiena tajjeb sur Pawl, inti tajjeb? |
| Sur Pawl | Mhux hazin ma ngergrux, |
| Ganni | Jiena propja gejt biex nara jekk Toninu lestiex,isma fejnu dak. |
| Sor.Luk | Dak mar jixtri, ilhu ftit li mar nghidlek is-sew. |
| Ganni | Mar jixtri?Dak x'mar jixtri, nispera li lesta,ghax ma kienx hawn daqs hekk xoghol. |
| Sor.Luk | Isma Gann mhux ghax f'wiccek imma ghandek lavrant il-veru ta'l-affari tieghu laqas jieqaf,il-hin kollu ghaddej miskin. |
| Ganni | L-iktar jekk kien hawn int hdejh,nahseb li veru il-hin kollu ghaddej,ilsienu imma ghax ma jaqta xejn x'hin jibda jparla.(Ihares lejn in-nicca) Ara mela lesta l-istatwa sur Pawl? |

| | |
|---|---|
| Sur Pawl | Uuuu.lesta….kwazi lesta, ghax nahseb li mhux se togoba lil madre. |
| Ganni | Ma togobix? Mela din xejn ma jogoba jew!! |
| Sur Pawl | Ghax l-ghagla dik li ggib Gann,kieku kont naf li se jigrili hekk,lanqas kont nidhol ghal din il-bicca xoghol. |
| Sor.Luk | Inti tinkwieta zzejjed sur Pawl,ghalfejn qed tahseb hekk? mhux hi qadet tghaglek,mela issa erhilha halli tgawdiha kif inhi ,sewwa nghid jien,il-qattusa ghagelija ,frieh ghomja taghmel. |
| Ganni | Dan kif ga gibta sur-Pawl mela ma tafx…(ihares lejn Sr.Lukrezja) |
| Sor.Luk | Kompli Gann kompli,mela ma tafx sur Pawl li jien mhux suppost li rajta,hux hekk trid tghidlu Gann? Ghax hekk qaltilkom il-madre biex taghmlu,hux veru?.Imma x-xitan m'ghandux halib ghax jien kelli narha qabel kullhadd. |
| Ganni | Skuzani sor imma jien il-madre qaltli biex ma nghidlek xejn. |
| Sor.Luk | Jiena naf li hi qaltilkom,imma z-zejt f'wicc l-ilma jitla. |
| Ganni | Isma sur Pawl ikxifa halli narha l-istatwa. |
| SurPawl | Ahjar le ghax mhux sewwa,peress li l-madre mhix qedha hawn. |
| Sor.Luk | B'daqshekk,mela hi biss ghanda d-dritt thares lejn sant Antnin,ikxifa sur Pawl bhal issa jien nikkmanda hawn gew!! |
| Ganni | Hekk trid tisimek tghid il-madre sor,(jidhaq) |
| Sur Pawl | Halli nghidlek Sor Lukrezja,naf li inti ddispjacuta,imma mhux ahjar ma noqoghdux inkabruha l-affari,li ma tmurx tidhol il-madre,w issibna hawn gew naghmlu demostrazzjoni ta'l-istatwa,u zgur li tiehux pjacir bina!! |
| Sor.Luk | Issa mhux li hemm,hemm. |
| Sur Pawl | Iva sewwa qed tghid,imma jekk tinduna l-madre…jien nehel ta'kollox,isma minni ejja nhallu kollox kif inhu u la tigi l-madre mbaghad naraw,tajjeb? |
| Sor.Luk | Allura,lanqas Ganni mhu se jarha l-istatwa? |
| Ganni | Uuuu tibzax sor,nilhaqq narha,min jaf kemm il-darba irrid naddi min quddiemu u nitolbu forsi jaqlali dik il-grazzja li llni tant nitlbu!! |

| | |
|---|---|
| Sor.Luk | (Lil Ganni) Imsomma inti taf,l-aqwa li issa kollox naf, ejja halli naghmillek naqra min dak li jkemmex ix-xoftejn,xi tghid Gann?Lilek naghmillek xi haga sur-Pawl? |
| Sur Pawl | Le grazzi,xejn ghal issa,jimporta jekk nibqa nistenna lil Toninu hawn? |
| Sor.Luk | Lanqas xejn tista toghqod kemm trid…..isma sur Pawl jekk ghal jista jkun tigi l-madre ghamilli sinjal,ghax jien mhux suppost intih imbid lil Ganni!! (tidhaq) |
| Ganni | Mela imxi li ma tmurx tigi u nibqa b'xejn (Sr.Luk u Ganni johorgu) |
| Sur Pawl | (Imur jaccerta juru li telqu) Toninu…. Toninu inti kollox sew?(Toninu ma jwiegibx) Toninu wiegeb(jmur jgholli l-lizar) Ejja Toninu tista tinsel ghax telqu…..Toninu mela rqadt? |
| Toninu | (Toninu jinhasad) Irqadt? Imissek tisthi tghidli hekk,saqajja qlajtom bil wieqfa fuq dak il-pedestal,u hares l'hawn, nahseb li mhux se naghmila ta'sant Antnin!!(Jinzel min fuq il-pedestal) |
| Sur Pawl | Ghalfejn qed tghidli hekk Toninu? Mela trid li jkolli xi nghid mal madre? |
| Toninu | Ma jimpurtanix,mela lili hsibtni xi pulcinel. |
| Sur Pawl | Iva ikkalma Toninu,ghalfejn dal plejtu kollu,isma wara kollox inti se tithallas ghal dan li qed taghmel. |
| Toninu | Eee iva,se nithallas sur Pawl? Mela la se nithallas jien mhux se nitla fuq il-pedestal,u tista tmur issib lil xi hadt haddiehor biex jaghmilha ta'sant Antnin!!(Jinza ic-coqqa min fuqu) |
| Sur Pawl | X'bicca gratli u x'bicca gratli….Toninu ghidli li biex ticcajta qed tghidli hekk. |
| Toninu | Biex niccajta? Mela jien niccajta?Jien bis-serjeta qed nghidlek,tista taqta jisek minni, u ha nghidlek ma mmurx nghid kollox lil Sor Lukrezja ghax ghax…..daqshekk,insini lili. |
| Sur Pawl | (Ikkonfondut ghal l-ahhar)Toninu…..irraguna ftit,jekk se taghmilli hekk jien irrovinat,ghax jekk il-madre tmur tghid ma n-nies li jien ma lestejtx l-istatwa fil hin,x'jibqa fija? l-isem tajjeb li ghandi fil-karriera tieghi daqshekk jaghmel, issa inti taf,jekk trid tarani rovinat…ghamilli hekk!!(ipoggi bil qeghda rasu baxxuta) |
| Toninu | (Jersaq lejh bil mod)Sur Pawl…..sur Pawl….inti orrajt jew?(is-sur Pawl ihares min taht)Isma jien ma ridtx naghmillek bsaten fir-roti imma….. |
| Sur Pawl | Jigifieri kollox sew? Sewwa smajt? |

| | |
|---|---|
| Toninu | Il-marelli kemm jghidilek malajr sur Pawl. |
| Sur Pawl | Ghadek ma tafx kemm qed taghmilni ferhan Toninu(imur jersaq lejh biex janqu) |
| Toninu | Zomm....zomm l-ewwel nett din il-kunfidenza naqtawa, u t-tieni jien ghadni ma ghedtlekx li kollox sew,ghax irrid certi kundizjonijiet. |
| Sur Pawl | Ghidli,li trid naghmlu,basta taqdini. |
| Toninu | Mela, l-ewwel ma trid taghmel hu, li tavza lil madre biex hadt ma jigi joghqod ikellimni lili. |
| Sur Pawl | Ikelmuk? Mela ma tafx x'inti tghid Toninu dawn x'affarijiet huma(jidhaq) |
| Toninu | Se toghqod tidhaq?Mela issa ara lil min se tpoggi min floki.(jkun se jitlaq) |
| Sur Pawl | (Izommu) Kemm tiehu ghalik malajr int? Ghax nghid jien min se joghqod ikellem l-istatwi? |
| Toninu | Ma tafx min?Issa tara s-sorijiet jiegux, biex naqlalhom xi grazzja issa jien nista naqlalhom il-grazzji li jkunu qed jitolbuni? |
| Sur Pawl | U dik haga zghira,inti taf x'taghmel fil kas. |
| Toninu | X'naghmel? |
| Sur Pawl | Tkellimom xejn(jidhaq) |
| Toninu | Int se toghqod titmellah,ara hallini ghax jerga jdurli u ma naghmel xejn!! |
| Sur Pawl | U jien biex niccajta qed nghidlek hekk,issa ara nghid lil madre biex tavza lil kullhadd halli ma jerasq hadd lejn l-istatwa,ghax peress lit kun ghada friska jghmlula l-hsara,tajjeb? |
| Toninu | Tajjeb. Stenna, stenna...haga ohra li rrid nghidlek, issa lili min se jtini xi haga x'niekol u x'nixrob x'hin inkun hemm fuq? Mela jien se naghmel lejl u gurnata...... bla ma niekol xejn!! |
| Sur Pawl | Ghal daqshekk halli f'idi,issa nghid lil madre li jien irrid nigi biex naghmel xi ftit irtokk fuq l-istatwa,b'hekk inkun nista nngieblek xi haga mieghi. |
| Toninu | X'inti tghid sur Pawl?Mela dik se thallik wahdek hawn gew, lanqas li ma taghfiex lil madre!! |

| | |
|---|---|
| Sur Pawl | Tikkonfondi xejn jahasra, dik imbaghad nghidilha,li jien ma rrid lil hadt mieghi x'hin inkun qed nahdem,f'himtni issa? |
| Toninu | Ma nafx jien…..ma kienx mument li dhalt ghalija din il-bicca nkwiet. |
| Sur Pawl | U isa Ton issa tara kif kollox jghaddi b'wicc il-gid,u wara kollox se taqla kemxa mhux hazin,xi tghid? |
| Toninu | Xi tridni nghid? Jekk ikollu jinduna Ganni b'dil praspura jien daqshekk naghmel mieghu,ghax ikeccini zgur mhux forsi. |
| Sur Pawl | Thabbel rasek xejn,jekk alla hares jigri li qed tghid, ejja ahdem mieghi jien ghandi pjacir bik tibzax!!(jersaq vicin hafna tieghu) |
| Toninu | (Toninu jingibed lura mis-sur Pawl) Ersaq l'hemm u hallini bhal issa, ghax ghandi rasi tghidtx kif qed inhossa,qiesa ballun tal futbol,u malajr tehel int mieghi!! (jinstemaw Ganni u Sr.Luk gejjin) Issa x'se naghmlu sur Pawl? |
| Sur Pawl | Issa halli f'idi,int titkellem xejn f'temnha?(jidhlu Ganni u Sr.Luk) |
| Ganni | (Lil Toninu)Mela wasalt int?Tista tghidli fejn kont qed tiskarta? |
| Toninu | Mhux hawn,fejn tridni nkun Gann. |
| Ganni | Hawn fejn,ghax jien ilni kwarta hawn u ma rajtek imkien,ara ma tahsibx li jien fis-sakra ta!! |
| Sur Pawl | Mela insejt li mort taqdini Toninu? |
| Toninu | Eee iwa bilhaq,kif kont insejt marelli,ghax is-sur Pawl bghatni naqdih ghand…….fejn mort naqdik sur Pawl? |
| Sur Pawl | Ghand taz-zeghba,mhux ghand taz-zeghba mortli Ton? |
| Toninu | Iva ghand taz-zeghba,mort |
| Ganni | Isma sur Pawl xbin,jien il-lavranti ma nhalashomx biex joqodu jaqdu lilek, dan mieghi mpjegat u mhux mieghek f'himt? Ghal darba ohra Ton,ara ma tergax taghmilha din tal-illum,f'tehmna? |
| Sur Pawl | Il-marelli kemm se taghmilha bi kbira lanqas li dam xi siegha miskin Toninu. |
| Ganni | Dam kemm dam,dan kollu telf ta'hin min tieghi,issa nispera li lest min-xoghol li kont taghmel Ton? |
| Toninu | Iva,iva lest Gann,hemm ara kemm giet sabiha in-nicca. |

| | |
|---|---|
| Ganni | Basta lest,issa mhux ahjar tibda tigbor l-ghodda halli ndabru rasna l-barra. |
| Sor.Luk | Le issa qabel titlaq irrid naghmlilkom xi haga x'tixorbu,mhux hekk Toninu? |
| Toninu | Mhux ahjar le,mintiex tara li Ganni mhux jiehu pjacir. |
| Sor.Luk | Da zgur ghax hu hadu sehmu,imma issa jkollu jistenna lilek u hallih jghid. |
| Ganni | Taqlax inkwiet sor,ghax jekk tigi l-madre u terga ssibni nixrob…inti tehel. |
| Sor.Luk | Imma jekk issibek tixrob l-ilma mhu se tghid xejn il-madre,mhux hekk? |
| Ganni | Ilma? Mela jien nixrob l-ilma?Jien xi flixkun birra irrid mela ilma!! |
| Sor.Luk | Isma sur Pawl, l-istatwa fejn ghamilta,mela nehhejta? |
| Sur Pawl | Hiii ara kif insejt nghidlek, poggejniha fil van tieghi,ghax se nerga nohoda ghax biex naghmilla xi ftit irtokki ta'l-ahhar!! |
| Sor.Luk | Mela habat tajjeb ghax issa l-madre ma tkunx taf li jien ga rajta l-istatwa,u jien se naghmilha ta'bir-ruhi li ma naf b'xejn,sewwa? |
| Ganni | Jaqbel ghal kullhadd li inti ma taf b'xejn,ghax Alla hares tkun taf li inti ga rajta l-istatwa l-madre. |
| Sur Pawl | Issa ara ma taqbizlekx xi kelma ma xi hadd sor,ghax naxqu kollox. |
| Sor.Luk | U intom hallu f'idi,mela jien ma nafx x'ghandi naghmel?Issa la tigi naraw se tghid. |
| Ganni | Inti sejra taghmlinna xi haga x'nixorbu sor,jew qed tiprova tnessina? |
| Sor.Luk | Arani sejra,skuzawni ghax kont insejt,dalwaqt maghkom(tohrog) |
| Sur Pawl | Ghalija toqod taqla xejn,ghax sejjer.Ara kif taghmel din ukoll,kemm telqet tigri. |
| Toninu | Jien sejjer ukoll ghax ~~Mary~~ Connie tieghi tkun qed tistenni bhal issa. |
| Ganni | Allura mhu se tiehdu xejn? |
| Sur Pawl | Jien zgur li le ghax sarli l-hin,sahha ghalik Gann.(johrog) |
| Toninu | U anke jien se jkolli mmur,narak Gann.(johrog warajh) |
| Ganni | Ara dawn kif jaghmlu,lanqas haq li qadet tmur taqla sor Lukrezja miskina. U iwa issa fil kas nixrobhom jien taghhom.(ipoggi bil qeghda fuq is-sufan |

ghal rieqed)....(tidhol Sor Natalina min barra minghajr ma tinduna b'Ganni)

Sor.Nat Sor.Lukrezja......sor Lukrezja,dan x'kien mhix qeda hawn? Ma nghamlux mod li harget u halliet hawn wahdu!!Alla hares ghamlet hekk,ghax jekk tkun taf il-madre,aqta x'taghmillha!!(tersaq lejn is-sufan minghajr ma tinduna li hemm Ganni fuqu)Se nibqa nistennija hawnhekk sa ma tigi, biex jekk harget inkun naf fi x'hin giet,u la tigi l-madre nghidilha li harget!! (tmur biex toghqod bil-qieghda u tkun se tpoggi fuq Ganni)

Ganni (Ganni jinhasad u l'istess hin jahsad lil sor. Natalina) Mela m'ghandekx fejn tpoggi sor? Fuqi se tpoggi?

Sor.Nat (Twerzaq bil qata li hadet)Ommi ma, x'qata tghajtni, x'inti taghmel hawn mindud fuq is-sufan,ma jmissekx tisthi? Mela int hekk taghmel meta tkun ghand in-nies? Hawn fejn hsibt li qieghed ghand ommok?

Ganni Ghand ommi zgur li le ghax miskina ilha naqra li hallitna,skuzani sor imma ntfajt fuq is-sufan u nghidlek is-sew ghal naqra ma marrietx ghajni bija,lanqas naf kif.

Sor.Nat Int ma tafx,imma jien naf kif,l-iktar jekk ghandek xi flixkun Imbid go rasek!!

Ganni Imbid? Ma tarax sor,l-imbid min fej tridni ingibu jien?(tidhol sor. Lukrezja bi flixkun imbid ghal Ganni)

Sor.Luk (Lil Sr.Nat ma tarajiex) Hawn ha,ixrob Gann ghax min hawn u ftit iehor ilma jkollok tixrob,ghax la tigi l-madre tistennix li se ntik l-imbid!!

Ganni (Ganni jiprova jcaqlaq rasu biex jghid lil Sr.Lukrezja li hemm Sr.Natalina)

Sor.Luk Ejja haffef ghax jekk tidhol bhalissa,tghidtx x'inkwiet nigi fih,u dan kollu mhabba fik,x'ghandek Gann....ghalfejn qed iccaqlaq rasek,mela sirt tbati bir-roghda? Gann ix-xorb zejjed dak li jgib jien ilnhi nghidlek biex ma tixrobx hafna.

Sor.Nat Jien nahseb li lilek se taqbdek ir-roghda,ghax la tigi l-madre kollox nghidilha.

Sor.Luk Sor.....Sor Natalina mela ga gejt?

Sor.Nat Da zgur li gejt,mhux hawn qed tarani?Dan ghalfejn qed ittih jixrob l-imbid lil Ganni? Ma qaltlekx il-madre biex ma ittihx jixrob alkohol lil Ganni!!

Sor.Luk Iva veru hekk qaltli imma jien nithasru lil Ganni,ghax dak xejn ma jhobb hlief xi flixkun birra,jew xi ftit imbid.

| | |
|---|---|
| Sor.Nat | Iva,tithasru? Mela issa ara jekk jithassarx lilek hu,ghax min jaf se taghmillek il-madre la nghidilha!! |
| Sor.Luk | Se tghidilha sor? |
| Sor.Nat | Da zgur li nghidilha,mela jien nista ma nghidilix? |
| SorLuk | Uuuu mela ma tistax sor,ghalaq ghajn wahda ghal illum. |
| Ganni | Da zgur hekk ghanda taghmel….Hi tara hafna,talaq ghajn wahda jmissa,lanqas biss ratni fuq is-sufan,ghax kienet se tpoggi fuqi. |
| Sor Luk | Iskot Gann dan xi kliem hu? |
| Ganni | U mhux veru ,kemm se ggiba bi kbira ghax hadt ftit imbid,lanqas li jien fis-sakra. |
| Sor.Nat | Fis sakra mintix imma qieghed biex. |
| Ganni | Da zgur mhux hekk tghid,jien niflah nixrob zewg ti-flixken ohra. |
| Sor.Nat | Imsomma ma jimpurtanix,hawn mhux xi kazin,jekk trid tmur tixrob mur band ohra,u mhux hawnhekk,f'himt? |
| Sor.Luk | Dejjem tara xi ssib biex taqbad mieghi int,daqqa haga u daqqa ohra,qatt ma nista noghqod ftit bi kwieti bik. |
| Sor.Nat | Mhux it-tort tieghek,ghax  taghmel ta'rasek? |
| Sor.Luk | Ghax ma tghidtx li jien delli tqil,kull ma naghmel jien jidher,u ta' haddiehor qiesu xejn mhu xejn!! |
| Sor.Nat | Jekk qed tghid ghalija,m'ghandekx xi tghid,jien nobdi kull ordni li jkolna min ghand il-madre,ara int tigi taqa u tqum xi tghid il-madre. |
| Sor.Luk | Taf ghalfejn titkellemm hekk int,ghax jien qatt ma kxiftek. |
| Sor.Nat | (Tidhaq b'mod sarkastiku)Int….int tikxef lili? U int x'ghandek tikxiffli bhalek? |
| Sor.Luk | (Ganni jmur joghqod bil-qieghda fuq is-sufan ghax jinduna li gejja fit tul) Halli nghidlek mela,tiftakar il-gimgha l-ohra meta xi hadd qasam dak it-trifle li kien hemm fil fridge u kiel bicca minnu? |
| Sor.Nat | Iva niftakar,mela ma niftakarx,allura b'daqshekk? |

| | |
|---|---|
| Sor Luk | Tiftakar li kwazi wehilt jien li kont qsamtu? Li ma kienetx Sor Salvina u qalet lil madre li mhux jien kont,fija kienet twahhal il-madre zgur mhux forsi!! |
| Sor.Nat | Issa jien x'ghandi x'naqsam ma dak it-trifle? |
| Sor.Luk | Ghandek mela m'ghandekx ,jien naf certa li inti kont qsamtu dak it-trifle u hadt bica minnu,u int ma tkellimt xejn,avvolja rajt lil madre twahhal fija. |
| Sor.Nat | Mhux veru, mhux jien qsamtu,min qallek qed jigdeb, |
| Sor.Luk | Lili ma qalli hadt,imma kont rajtek jien b'ghajnejja stess diehla fil kcina inkiss...inkiss u tiftah il-fridge u tiehu bicca minnu,ghid il-verita sor Natalina,ghax min jigdeb imur l-infern Sor.Hekk tghidli l-madre lili. |
| Sor.Nat | (Sor.Natalina titfixkel se taqbad tghidilha)Imma....imma,intom tafu kemm inhobbu il-helu jien,zaqqi taqali ghalih,xi tridni naghmel jekk rajtu hemm lest fil-fridge,ippruvajt neghleb ix-xewqa imma kien kollu ghal xejn,ghax waqajt u qsamtu u hadt bicca. |
| Sor.Luk | Jien naf li hadt bicca sor,ghalhekk fid-dinja ma tridx titkaza,ghax mis-sema l-isfel kullhadd l-istess,issa se taghmel,se tukzani lil madre,li jien tghajt l-imbid lil Ganni? |
| Ganni | (jahseb li-offritlu l-imbid)Niehu naqra ohra jekk ma jimpurtax sor. |
| Sor.Nat | Ghoqod hemm int li ma nghidlekx,qed tara hux kemm dahhaltna f'inkwiet int. Nahseb li m'ghandix triq ohra x'naghzel,hlief dik li nghidlek le mhux se nghidilha lil madre,imma ara ma nergax narak taghmel xi haga li mhux suppost taghmel,ghax ikolli nghidilha lil-madre,f'himt? |
| Sor.Luk | Jiena f'himt,issa nispera li inti tifhem ukoll. |
| Sor.Nat | Xi tridni nifhem bhalek? |
| Sor.Luk | Tifhem li thallini bi kwieti,mhux bizzejjed ghandi lil madre issus warajja!! |
| Ganni | Veru Sor,hallija miskina lil Sor Lugrezja,daqs kemm hi mara sewwa. |
| Sor.Nat | U ghoqod kwiet int u tindahalx bejnitna, u ghamilli pjacir inqas ma tersaq l-hawn aktar ahjar,ghax l-inkwiet kollu int qlajtu. |
| Ganni | Jien? Jien x'ghandi x'naqsam? |
| Sor.Nat | Da zgur li ghandek x'taqsam,ghax kieku int ma tixrobx imbid kieku dal paroli ma kienx jinqala. |

| | |
|---|---|
| Sor.Luk | Hallih sor,hallih, Ganni nahseb li ahjar tmur lejn id-dar issa ghax sar hafna hin.(Tmur biex tiehu il-flixkun ta'l-imbid il-gewwa)Ara halli ndahhal dal flixkun il-gewwa li ma tmurx tigi l-madre u tahseb li ergajt bdejt tixrob Gann. |
| Sor.Nat | Tinkwieta xejn halli ndahal l-imbid il-gewwa jien,u int ilhaq mur wassal lil Ganni sal-bieb Sor (Ezatt ma dan il-kliem tidhol il-madre u ssib lil Sor.Natalina bil flixkun ta'l-imbid f'ideja) |
| Madre | Prosit ghalik Sor.Din tal-illum qatt ma bsarta minnek!!Mela lanqas int ma tobdihom l-ordnijiet li naghti jien hawn gew!! U jien min ghalija li ghandi fuq min norbot bik, Mur obsor hej li mintix ahjar min haddichor. |
| Sor.Luk | Ejja Gann halli nwasslek sal bieb, sewwa jghidu,z-zejt f'wicc l-ilma jitla!!(Sor.Lukrezja u Ganni jibdew hergin) |
| Sor.Nat | Zomm.....zomm x'ghidt issa, xi trid tghid bih dan id-diskors? |
| Sor.Luk | Jien ma rrid nghid xejn,taf x'naf nghid li l-verita twegga. |
| Sor.Nat | Qed tisma madre,se twahhal fija issa. |
| Madre | M'ghandix x'nisma,jien rajtek b'ghajnejja stess toffri l-imbid lil Ganni,ma tistax tichdu dan....Veru? |
| Ganni | Iva veru hi stess qaltli jekk irridtx ftit imbid,u sor Lukrezja ma hallitix. |
| Sor.Nat | Mhux veru madre dan qed jigdeb,mhux jien kont li tghajtu l-imbid. |
| Madre | Mela min,Lukrezja? |
| Sor.Luk | Ma tarax madre,la inti ghidtli biex ma ntiehx,jien obdejtek u ma tajtux, mhux hekk Sor.Natalina?Tinsix li ahna irridu nirrispettaw il-vot ta'l-ubbidjenza. |
| Sor.Nat | (Furjuza ghal Sor.Lukrezja) Din mhix se tieqaf hawn zgur,mhux sewwa li nehel jien fuq xi haga li ma ghamiltx.(Tohrog il-barra tagghel) |
| Madre | Qed tara Sor meta tobdini lili, lanqas qatt ma bsart li Sor Natalina kienet se tasal s'hawn,isma mhux ghal xi haga ta, din mhux xi bicca xoghol min tieghek biex tehel hi hux? |
| Sor.Luk | Issa se niehu ghalija madre,mela bilfors trid twahhal fija?Tista ssaqsi l-Ganni jekk trid,ghidilha Gann min gablek l-imbid lil madre. |
| Ganni | L-ewwel darba int gibtuli,imma issa lilha rajt bil flixkun f'ideja? |
| Madre | X'inhi din?Jigifieri inti ukoll ma obdejtx l-ordni tieghi!! |

| | |
|---|---|
| Sor.Nat | (Tirfes lil Ganni) Le madre jahasra,Ganni mhux ghal illum qed jghid,imma ghad darba l-ohra,hux veru Gann? Ghalhekk qallek l-ewwel darba w illum sor.Natalina gabitlu,ghidilha Gann!! |
| Ganni | (Ghadu jorok siequ mir rifsa li rifsitu) Iva…iva hekk hu. |
| Madre | Imsomma issa naqtawa,jien se nibqa fuq li ghidtli,issa tista tmur ghax ghandi bzonn inkellem lil Ganni. |
| Sor.Luk | Kollox sew Madre,jekk ikollok bzonn ta'xi haga sejjahli,sahha Gann. |
| Ganni | Sahha Sor(sor Lukrezja tohrog) Kemm hi min taghna sor Lukrezja hux madre? |
| Madre | Ghandek tghid dejjem tfahhara lil Sor Lukrezja int Gann. |
| Ganni | U ghax ha nghidlek madre,jien b'naqra nbid taghmini. |
| Madre | Huwa nahseb li mhux bl'inbid se naghmik lilek,imma b'xi daqqa ta'ponn go ghajnejk,mulej sinjur ahfirli,qed tara x'qed iggaluni nghid,ghax issa ma jistax ikun nibqaw sejrin hekk. |
| Ganni | Issa jien se nehel mieghek? Thabbel rasek xejn arani sejjer il-barra,u l-hawn ma nersaqx izjed,hux hekk trid?(ikun se jitlaq) |
| Madre | Ejja l-hawn,fejn sejjer? Mela ma tafx li rridu nitkelmu qabel ma tmur? L-ewwel nett Gann din li tigi hawn u toqod tixrob l-imbid trid taqtahha, hawnhekk mhux xi kazin,harbattomli erba sorijiet,l-ewwel sor.Lukrezja,u issa sor Natalina,dan mhux sewwa Gann!!Inti tigi hawn biex taghmlina ix-xoghol u mhux biex toghqod tixrob l-imbid!! |
| Ganni | Imma zomm naqra madre,int jekk jofrulek ma tiehux?Jien lanqas irridhom jiehdu ghalihom imbaghad wara kollox. |
| Madre | Gann irridek twedni li lanqas jekk joffrulek ma tiehu,int ragel bizzejjed biex tghid le,mhux hekk? |
| Ganni | (Ihokk rasu) Jien nghid le?Jien dik il-problema li ghandi sor,ghax ma nafx nghid le jahasra. |
| Madre | Gann nerga nghidlek ghax din ta'l-ahhar se tkun,nispera li qedin niftehmu! |
| Ganni | Imma int ghidilhom biex lili ma jofrulix,ghax jien jekk igibuli nisthi nghidilhom le. |
| Madre | Weghdni Gann!! |

| | |
|---|---|
| Ganni | Inweghdek,kollox sew. |
| Madre | Hekk ahjar,issa ejja halli nitkelmu fuq xi haga aktar importanti,inti lestejt mhix xoghol li kellek taghmel hawn? |
| Ganni | Iva madre jien tista tghid li lest,ghajr ghal xi ftit irtokki l-hemm u l'hawn,hemm ara kemm giet sabiha in-nicca ta'sant Antnin(Jidhol il-kapp) |
| Kapp | (Lil-Ganni)Hawn….lilek qed infittex sur galantom,x'mort tghid il-pjazza? Iva se taghmluli bojkott lili? |
| Ganni | Min jien? Isma sur Kappillan int jaqaw se taqbad mieghi? |
| Kapp | Iva hekk qaluli,li int mort ixxerrida man nies biex jaghmluli bojkott,u flus ghal festa ma jtunix,ara tahseb li se tbezzawni lili!! |
| Madre | Kappillan isma minni ikkalma ghax dawn l-iskossi ma jaghmlulekx tajjeb. |
| Kapp | Mhux dan,imissu jisthi x'mar jghid man nies,mela jien il-festa naghmila ghalija wara kollox? Tibzax jekk flus ma nigborx,il-vara ma tohrogx,issir il-festa ta'gewwa biss,u daqshekk!! |
| Ganni | Iwa hekk ghandek taghmel,halli jirrangawk ghal frisk il-parruccani. |
| Kapp | Mela n-nies hsibtom kollha bhalek int? Issa nibaghat cirkolari fid-djar kollha tal-parrocca,fejn nghidilhom li Ganni iddecieda li l-festi esterni ma jsirux din is-sena. |
| Ganni | X'taghmel? Jiena x'ghandi x'naqsam mal festi esterni,u mal festi interni,wara kollox,ghalfejn qed twahhal fija? |
| Kapp | Mhux int mort tghid lin-nies biex jaghmluli bojkott,u ma jtunix flus ghal festa? |
| Ganni | (Jithawwad se jaqbad jghid) Imma jien mhux hekk propja riedt nghid….. |
| Kapp | (Jahtfu u jitbaqbaq) Issa se tgiddibni?Ara ma tigdibx ghax jien naf cert li int ghidt hekk!! |
| Madre | Imma int x'fettillek mort ghidt hekk dimonju?(trodd is-salib) |
| Kapp | Dimonju ghidtlu? Ghalfejn ghidtlu hekk?Dak tkun qed tfahhru meta tghidlu hekk. |
| Ganni | Issa zzejjed!! Din mhux se noghqod ghalija sur kappillan,min hawn nibqa sejjer ghand il-pulizija u naghmillek rapport talli qed tghidli hekk. |

| | |
|---|---|
| Kapp | Prosit,prosit tajtni ideja,ghax jien sejjer qablek ghand il-pulizija,arani sejjer!!(johrog minghajr ma jsellem lil hadd) |
| Madre | Sur Kappillan,sur kappillan,iva bil mod ghax qieghed tinkwetani,ara kif jaghmel,Gann isma minni u mur skuza ruhek mal kappillan ghax sae tispicca hazin mieghu. |
| Ganni | X'naghmel? L-ewwel irid jitlobni skuza hu talli qal li jien dimonju. |
| Sor Luk | (Tidhol sor Lukrezja) Inqala xi haga madre? Marelli kif hareg jigri il-barra l-kappillan,jaqaw gralu xi haga? |
| Madre | (Tahtafa)X'gejt taghmel l-hawn,int kien jonqos,imma kemm int kurjuza ghid,mur itlaq,mur kompli fejn kont. |
| Sor Luk | Imma kif ma nista nghid xejn jien(tohrog tgerger) |
| Madre | Alla jbierek kemm tkun lesta ghal kull ma jinqala hawn gew,jien nahseb li dik kienet wara l-bieb tissemma kollox,qed tara Gann hux x'salib ghandi jien. |
| Ganni | U jien ghandi iehor bil-kappillan. |
| Madre | Gann isma minni w ara kif taghmel u irranga s-sitwazzjoni mal-kappillan. Mur u itolbu skuza. |
| Ganni | Issa nara imma hu ukoll irid jitlobni skuza. |
| Madre | Tibzax Gann,issa inkelmu jien lil kappillan,dak ragel sewwa u zgur li nirrangaw kollox.Isma Toninu fejnu? |
| Ganni | Dak sparixxa,filli kien hawn mas-sur Pawl u filli telqu l-barra jigru. |
| Madre | Is-sur Pawl ghidtli? Ilhu li telaq is-sur Pawl? Dan kif jaghmel jigi minghajr ma jghidli,ghandi bzonn inkellmu,qallek xi haga fuq l-istatwa Gann? |
| Ganni | Nghidlek is-sew smajtu jghid xi haga lil Sor.Lukrezja imma ma nafx x'qallha,ghax kont ghaljenat. |
| Madre | Ma semmix l-istatwa maghha hux? |
| Ganni | Ma nafx ghax dak il-hin ma nafx jekk kontx qed nitkellem ma xi haddiehor. |
| Madre | (Imfixkla ghal l-ahhar)Ma xi haddiehor? Mela kemm kien hawn nies dak il-hin? |
| Ganni | Ma nafx,imma kien hawn hafna nies dak il-hin,mhux ga ghidtlek li kont ghaljenat nitkellem ma xi haddiehor!! |

| | |
|---|---|
| Madre | Nahseb li ma xi flixkun imbid kont qed titkellem,ara halli ncempillu lis-sur Pawl.(jistema storbju min gewwa,fl'istess hin tinstema il-qampiena tal bieb ta barra)X'rega nqala issa?Tghidli qalbi dawk rega kellhom xi jghidu, dan il-bieb,mela kollox f'daqqa se jinqala. (tohrog u jibqa Ganni wahdu) |
| Ganni | Jien ma nistax nifhem x'inhu jigri hawn gew,nahseb ahjar mmur nara min gie ghax il-madre baqet diehla l-gewwa milli jidher(terga tinstema l-qampiena)U gej kemm int maghggel. (Ganni johrog biex jara min gie pawsa ta' ftit sekondi) |
| Sur.Pawl | (Jidhol Ganni mas sur-Pawl)Habat tajjeb li ghadek hawn Gann. |
| Ganni | Mela inti ergajt gejt?Halli nghid lil madre,ghax dik ghanda bzonn tkelmek. |
| Sur.Pawl | Le …le tghidilha xejn,ghax jien mhux se ndum,nghidlek is-sew gejt ghax nahseb li nsejt ir-raggira ta' sant Antnin hawn,int ma rajtiex ghal jista jkun hux? |
| Ganni | Isma sur-Pawl Toninu mieghek qieghed? |
| Sur.Pawl | Iva mieghi qieghed. |
| Ganni | U dak x'inhu jaghmel mieghek? |
| Sur.Pawl | Ghax irrid nehodlu ritratt,ghalhekk irrid r-raggira. |
| Ganni | Tigbidlu ritratt,u bir-raggira? Isma sur Pawl, int jaqaw qed tipprova thawwadli mohhi jew?Ara halli nghid li madre li int qieghed hawn(johrog) |
| Sur.Pawl | M'ghandekx ghalfejn tghidilha jahasra,jien ghar-raggira kull ma gejt(Ganni jibqa hiereg bla ma jaghti kasu fl'istess hin jidhol Toninu libes ta'sant Antnin bir-raggira f'idu) |
| Toninu | (Jidhol Toninu ghadu libes ic-coqqa)Sur Pawl …sur Pawl,sibta r-raggira,kienet fil karozza tieghek fuq wara. |
| Sur.Pawl | Toninu xi dhalt taghmel hawn?Jien m'ghedtlekx biex tistenni barra,imxi.... imxi ghax hawn il-madre li ma tmurx tidhol u ssibek hawn.(lanqas jilhaq jispicca l-kelma li ma tidholx il-madre u Ganni warajha) |
| Madre | Sur Pawl…..mela gejt?(sur Pawl jipprova jahbi lil Toninu kif jista imma l-madre xorta tinnota li hemm xi haga warajh) Eeee ja brikkun se toghqod tinkini issa hux? Hemm x'ghandek mohbi warajk? U ejja sur Pawl ghalfejn qieghed ittertaqli qalbi?(tmur biex tara x'hemm warajh,Toninu jifhem is-sitwazzjoni li dahal fija,u jippoza ta'sant Antnin,kif jaf) |
| Sur.Pawl | Isma minni madre,ahjar ma tharisx lejha ghal issa. |

| | |
|---|---|
| Madre | Issa…. u mbaghad mhux xorta rrid narha,ghandi seba mitt sena biex nara kif giet.Ersaq ftit min nofs jekk jogbok sur Pawl(tressaq lis-sur Pawl biex tara sew) Ommi ma xi kruha ta'wicc dan,dan min fuq min hadtu sur Pawl? |
| Sur.Pawl | Jiena ma ghidtlekx li rrid nibdilha ghax ma gietx tajba,qed tara sor l-ghagla,dak li tiehu bl'ghagla!! |
| Madre | Imma marelli gietek kerha wisq,iktar gie jixbah lil dak…..x'jismu bhal issa dak li kelna jbajjad? Ghal-lavrant tieghek qeda nghid Gann. |
| Ganni | Min Toninu?(jidhaq) Kellu bzonn jixbah lil sant Antnin sor,u le x'inti tghid sor. |
| Sur.Pawl | Tikkonfondi xejn madre,issa bhal ma ghidtlek,kif tghaddi l-festa tieghu, naghmillek wahda mill gdid, u tara kemm tigi sabiha,din ghamilta bl'ghagla u hemm ara kemm giet kerha….avolja mhix daqshekk kerha. (jitbissem lil Toninu) |
| Madre | X'mhix kerha?U ha nghidlek qed nahsiba jekk nurix lin-nies.(Toninu ma jiehux pjacir b'dawn il-kummenti tal madre)Ghandu wiccu ikrah wisq,(taqbad l-istatwa z-zghira f'ida)Hemm ara sur Pawl xi hlew ta'wicc,mela dan?(tmur thares mill vicin lejn wicc Toninu)….Dan il wicc, min fuq liema santa hadtu sur Pawl? Jien qatt ma naf li rajt santa ta'sant Antnin tixbhu. |
| Sur Pawl | Ara kif naghmlu Madre,jien se nerga niehu l-istatwa lura mieghi,halli naghmel ftti rrtokki fuqha,mbaghad nerga ngibilek hawn. |
| Madre | Le…. issa la gibta hawn ma tergax tehoda mieghek,issa la dahlet hawn ma tohrogx,qabel ma taghmel l-ohra!!Ghandek tkun taf sur Pawl li jiena ga ghidt lis sindku u lil kappillan biex jigu ghal l-awgurazzjoni ta'l-istatwa l-gdida,issa ma rridtx naqa ghac-cajt maghhom. |
| Sur.Pawl | Imma jien ma nistax inhallija hawn ghal issa,thabbel rasek xejn ghax jien kif inlesti l-ftit irtokki li baqali nerga ngiba hawn. |
| Madre | Imma hawn se jkollok thallija,jekk trid ejja u ghamilhom hawn l-irtokki li baqalek taghmel,ghax la twebbilt bl'istatwa jien hawn irrida tibqa.(thares lejn Toninu)Marelli kemm ghamiltu jixbah lil Toninu,xejn,xejn x'hin inhares lejha niftakar f'Toninu.(tidhaq) |
| Sur Pawl | Imma Madre……. |
| Madre | Imma xejn,fittex tella l'istatwa gon-nicca,halli kemm jista jkun ma jarawiex mill vicin is-sorijiet.Isa Gann ghejnu halli jtellahha. |

| | |
|---|---|
| Sur Pawl | Ara x'taghmel,mur zomm is-sorijiet hemm gew,issa jiena u Ganni naghmluha f'posta.(Il-madre tohrog u Ganni jmur waraja)...Ejja Gann halli tghini naghmlu lil san Antnin f'postu.(Ganni jibqa hiereg) |
| Sur-Pawl | Baqa sejjer dak lanqas biss ta' kasi. |
| Toninu | Smajta x'qalet? Ghajritni ikrah,mela m'ghandiex mera biex thares lejn wicca din? |
| Sur-Pawl | Ghalfejn qed tinkwieta Toninu,ara jien ma nghidx hekk(jidhaqlu)Ejja halli titla fin-nicca qabel ma jidhol xi hadd u jinduna bik. |
| Toninu | X'naghmel? Ma tarax,int lili ghidtli li ghada se nitla fin-nicca mhux illum. |
| Sur-Pawl | Imma c-cirkostanzi hekk jitolbu Ton issa ejja halli titla. |
| Toninu | Trid itini xi haga ohra biex nitla illum,il-bqija ara l-min se ttella,ok? |
| Sur-Pawl | Kollox sew,kollox sew ghal daqshekk se niggieldu?Ejja halli nghinnek biex titla.(is-sur-Pawl imur biex jghin lil Toninu min wara imma Toninu joggezzjona) |
| Toninu | Hallini ta'jien naf nitla wahdi,zul ha nitla wahdi. |
| Sur-Pawl | Bil-mod Toninu hi,jien biex ma tbatix gejt nghinnek u xejn izjed. |
| Ganni | (Toninu jitla fin-nicca u fil-pront jidhol Ganni kemm xejn imlahlah) Sur-Pawl jien gejt biex nghinnek ittella lil sant Antnin fin nicca,heq ara....mela tellajtu wahdek? |
| Sur-Pawl | Iva....iva tellajtu Gann,ghax jien hsibtek tlaqt. |
| Ganni | U xi tlaqt,tlaqt jien mort sal kcina biex nbil ftlt grizmejja(jidhaq) |
| Sur-Pawl | Isma Gann jien se jkolli nhallik,issa kif tara lil madre ghidilha li ghada nigi halli nkompli l-ahhar ftit irtokki fuq l-istatwa f'temna? |
| Ganni | Halli f'idi sur-Pawl kif nara nghidlha. |
| Sur-Pawl | Hallejtek Gann sahha. |
| Ganni | Sahha,sahha ghalik sur-Pawl(s-surPawl johrog u Ganni jersaq lejn Toninu fin-nicca)Sewwa qalet il-Madre...l-veru jixbhu lil Toninu sant Antnin, ikolli nghid li qaghd jippuzalu Toninu u ghamlu min fuqu,(jersaq aktar vicin tieghu) Isma sant Antnin(Tidhol il-madre u Ganni ma jindunax biha) ahseb ftit fija jahasra,meta se trebbahni s-super 5 ghid?Jekk trebahili din il-giemgha, nixghalek xemgha ta'kilo.Taf kemm ili nitolbok biex |

trebbbahni xi haga,kieku qatt tahseb ftit fija,huwa fl'ahhar se nkorru jien u int.

Madre — Nahseb jien se nrebbahilek is-super 5 sur-galantom,taf li xrobtu kollu dan il-flixkun imbid? Ja bicca ta'sakkranaz l-int,itlaq il- barra min hawn(tersaq lejh u taqbdu min widnejh u tohorgu l-barra)

TMIEM IT-TIENI ATT

# IT-TIELET ATT

Xena 3 (Il-preparazzjoni ghal li-nawgurazzjoni ta'li-istatwa)

In-xena: — (Toninu jidher rieqed fuq is-sufan tidhol Sor Salvina biex tfarfar ftit il-kamra,minghajr ma tinduna li-hemm Toninu fuq is-sufan)

Sor Sal — Kemm qed inhossni kuntenta llum,sa fl-ahhar waslet dik il-gurnata li sant Antnin ikollu statwa kif tixraqlu.(Thares lejn in-nicca u b'ghageb kbir taghha issiba vojta) Ommi ma (trodd is-salib)Sant Antnin fejnu?Hadulna zgur,imma nghid jien min seta hadu? Jien qed nibza,nahseb ahjar immur nghid lil xi hadd jigi halli jara x'gara li ma mmurx nehel jien li ghamiltlu xi haga lil sant Antnin(tohrog issejjah lil sor Natalina)

Toninu — (Jitqalleb fuq is-sufan u jistembah mir-raqda)Ajma jahasra kif qsamt dahri fuq dan is-sufan,x'lejl ghaddejt hej,ma kienx mument li mort ghidtlu iva lis-sur Pawl,imalla li stembaht issa ghax daqt tara lis-sorijiet resqin l-hawn. Tghid hawn xi kamra tal-banju l-hawnhekk?(jittawwal biex jara jekk hemmx xi wahda u jisma xi diskors)U l-mniel issa gejjin l-anqas cans immur sal-karma tal-bajnu mhu se jtuni,ahjar nitla fuq dak l-imbierek pedestal li ma jidholx xi hadd ghal ghar rieda u jsibni hawn (jitla fin-nicca u fil pront tidhol sor Natalina u sor Salvina tibqa fil bieb)

Sor Nat — Imma kif dejjem insib lil xi hadd jiksirli d-devozzjoni lili,issa din kien jonqos dal ghodu(tinduna li sor Salvina ma dahletx maghha)Ejja mela se tibqa hemm?Idhol halli tara kif sant Antnin ghadu hawn,mela qed tohlom ejja halli tara.

| | |
|---|---|
| Sor Sal | (Tibqa fil bieb)Jien qed nibza,marritx nidhol hemm gew. |
| Sor Nat | (Thares lejn in-nicca taghmel ta'bir-ruha li lis-statwa ma tkunx hemm.) San Bazilju maghna, fejn mar Sant Antnin? |
| Sor Sal | Qed tara kif sewwa ghidtlek,jien miniex mignuna,issa qed tara b'ghajnejk stess,dik xi hadt hadilna. |
| Sor Nat | Ejja idhol mela se tibqa hemm!! |
| Sor Sal | (Terga tahsiba qabel ma tidhol)Isma ara ma jkunx hawn xi hadd mistohbi u jtinna xi qata'. |
| Sor Nat | U ejja kemm se taghmilha bi kbira,idhol l'hawn issa ghal maghmul m'hemmx kunsil. |
| Sor Sal | Mhux ahjar imorru nghidu lil madre tigi,u nghidulha b'kollox(tibqa fil bieb) |
| Sor Nat | Issa se ttellahhomli taf,diehla jew mintiex diehla? |
| Sor Sal | (Tidhol bil mod u thares lejn in-nicca)Ommi ma dan kif? Jien zgura li ma kienx hawn sant Antnin x'hin dhalt jien.Xi hadd nehhih min postu w issa rega poggih biex ibezzani. |
| Sor Nat | (Tidhaq)Da zgur mhux hekk tghid,xi hadt qaghad jiehu l-intrigu joqghod inehhi lil sant Antnin min postu u jerga jpoggih, u hallina minnek sor!! |
| Sor Sal | Mela allura jien qed nitlef hux hekk? |
| Sor Nat | Hadd ma qallek li int qed titlef,imma issa qed tara b'ghajnejk stess li sant Antnin ghadu hawn,u hadt ma hadu. |
| Sor Sal | Imma jien qed nibza,nahseb ahjar immur nghid lil madre tigi u nghidulha b'kollox. |
| Sor Nat | Ghalfejn se taghmilha bi kbira?Din kollha mmaginazjoni tieghek,ghalfejn se toghqod iddahhalha hafna flieles f'mohha lil madre?Dan mhux kollu inkwiet bla bzonn?Imsomma jien sejra,issa ghamel int.(Sor Nat tohrog) |
| Sor Sal | Le,le Sor thallinix wahdi jahasra stennini ha nigi mieghek.(tohrog warajaha) |
| Toninu | Ghal l-erwieh jahasra,telqu sa fl-ahhar,issa kellhom jigu joghqodu jparlaw fil-vojt,imma fejna dik l-imbierka kamra tal-banju!!( Pawsa zghira sakemm jara jsibx xi kamra tal-banju) Ara x'bicca gratli,l-anqas kamra tal- |

Faced
Left

banju ma nista nsib,issa se naghmel? Mela jien se nibqa hekk,le ma jimpurtanix sejjer halli nara nsibx kamra tal-banju x'imkien iehor.(jkun hiereg izda jinduna li gej xi hadd u jipanikja)Min gej issa?Ara jien kemm jien zventurat ukoll,se jkolli nerga nitla fin-nicca(jerga jitla fin-nicca u tidhol sor-Lukrezja)

Sor Luk — (Tmur diretta ghal fuq l-istatwa,taghmel ftit mumenti thares lejh qiesha mhix konvinta milli qed tara)Jien ghadni miniex kovinta min din li-statwa, ma nistax nifhem kif is-sur Pawl kellu l-hila jaghmel statwa bhal din,hemm ara,anke saqajh koroh,marelli sal kallijiet ghamillu,issa dak fejn jaf x'kellu sant Antnin f'saqajh,ghandek tghid jidhlu f'hafna dettalji zejda ghalxejn dawn l-artisti,u ara ma tmurx tghidilhom xi haga kontra,ghax malajr jiehdu ghalihom,ara x'gharukuza,xi hmieg ghandu ma saqajh,qiesu ilhu ma jahsel saqajh xi erba t'ijiem sant Antnin.(tmur timsahlu saqajh u Toninu jibda jitarax u jcaqlaq ftit sebghu)(Sor Lukrezja tingibed ftit lura ghax tinhasad)Ikolli nghid li sant Antnin caqlaq saqajh,ara jien ukoll x'jien nghid(tkompli tfarfarlu saqajh) Iva ta'issa zgur li rajtu icaqlaqom (Trodd is-salib u tidhol il- madre minghajr ma Sor Lukrezja tinduna)ahjar immur nghid lil madre tigi ghax issa qed nibza.(iddur biex tohrog u ssib lil madre warajha) Madre,mela inti hawn qeda?

Madre — Da zgur li hawn qeda,mela fejn tridni nkun?Issa tista tghidli x'kont qed taghmel hdejn l-istatwa? U x'kont gejja tghidli?

Sor Luk — Ghax....ghax ha nghidlek madre.....il-marelli x'bicca gratli,lanqas naf kif se naqbad nghidlek,ghax zgur li ma temminnix!!

Madre — Isa ghaqlahha jekk ghandek,issa nara jien jekk nemnekx jew le.

Sor Luk — Ghax rajt lil Sant Antni jcaqlaq siequ.

Madre — (Tinhasad ghal dan il-kliem u tfur ghalija)Ara x'nghidlek Sor,jekk min ghalik se tqajjimli pandimonju se jarralek,jekk inkun naf li tivvinta xi haga b'rasek idur,iva issa anke ma l-istatwa se taqbad?Imma kif kollox itik f'ghajnek int!!

Sor Luk — Le jahasra madre,veru rajtu jcaqlaq siequ lil sant Antnin.

Madre — U int nghid jien kif rajtu jiccaqlaq?

Sor Luk — Nghidlek is-sew gejt nara jekk hux kollox sew,u x'hin ittawwalt lejn saqajn Sant Antnin rajthom ftit mahmugin u ghidt bejni u bejn ruhi,ha nimsahomlu ftit,u x'hin farfartlu saqajh rajtlu sebghu l-kbir jiccaqlaq.

Madre — Kont se nghidlek x'rajtlu jiccaqlaq Sor,ara nkun naf li mort tghid xi haga lis-sorijiet l-ohra ghax daqshekk naghmlu jien u int,issa ghalfejn qed tivvinta ghid?

| | |
|---|---|
| Sor Luk | Int tista tghid li trid imma jien xorta nibqa nghid li rajtu jiccaqlaq lil Sant Antnin,jien miniex mignuna. |
| Madre | Int mintiex mignuna imma qed tiprova ggennen lili hux,imma x'wiccek se jibqa ghax din tal illum mhux se tbellahili.Issa mur ara x'ghandek x'taghmel u nerga nghidlek ara ma nkunx naf li tghid lil xi hadd b'din l-istorja li ivvintajt!!(iccempell il-qampiena tal-bieb ta'barra)Anzi mur ara min gie, w ara ma taqbizlekx xi kelma x'rajt,ghax kieku n-nies tar-rahal jinvaduna biex jigu jarawh. Issa mur ara min gie,u rabbi ftit ghalaq. |
| Sor Luk | Sejra ,sejra tibzax,(thares lejn sant Antnin) U int…jekk ghandek iccaqlaq saqajk,caqlaqa meta ikun hawn hi fhimt!! |
| Madre | Mur ehles,u hallik mill hmerijiet Sor. (Sor Luk tohrog) Issa din kien jonqos,ma baqalix x'tivvinta izjed,issa qed tara lil Sant Antnin jiccaqlaq,tghid mhux hekk,m'ghandux x'jaghmel Sant Antnin se joghqod jiccaqalqilha lil Sor Lukrezja(tidhaq u fl'istess hin thares u tersaq lejn l-istatwa) Mhux ghax irrid nghid,imma nahseb li ghanda ragun dan x'fatta ghamilhomlu saqajh kemm huma koroh,din l-istatwa kollox ikrah ghanda,kollox ta'l-ghagla ghamel is-sur Pawl,lili ahjar qalli li ma jistax milli ghamilli xoghol hazin (Tidhol Sor Lukrezja) |
| Sor Luk | Madre,madre taf min gie? |
| Madre | Jekk ma tghidlix ma nkunx naf,min gie sor? |
| Sor Luk | Gie s-sindku. |
| Madre | Dan kif gie issa? Mela x'hin sar?(thares lejn l-arlogg)Il-marelli kemm ghadu il-hin,ma jafx li gie siegha qabel is-sindku?Mhux is-soltu,ghax dejjem tard jigi meta jkollu xi okazzjoni,Ghidtlu biex jidhol? |
| Sor Luk | Le…..jien gejt nghid lilek l-ewwel,mhux hekk tghidli biex naghmel int is-soltu? |
| Madre | Imma kif ma taghmilx wahda sewwa int? Imxi halli nghidulhu jidhol. |
| Sor Luk | Ghax ma tghidtx li jien zventurata,naghmel x'naghmel xejn ma jogbok lilek (johorgu jaghglu flimkien) |
| Toninu | (Toninu jkun se jinzel min go n-nicca forsi jara jsibx il-kamra tal-banju) Issa c-cans,sakemm jergaw jigu,jekk ma nsibx kamra tal-banju issa,zgur nitlaq il-barra.(fil pront jisma lil xi hadd gej u jkollu jerga jibqa fejn kien) |
| Madre | (Tidhol il-madre u s-sindku b'sor Lukrezja warajhom)Ghaddi sur-sindku ghaddi,ma kontx qed nistennik daqshekk kmieni. |

| | |
|---|---|
| Sindku | Ghandek ragun madre,jekk gejt xi ftit qabel il-hin,imma ma tafx int jien ragel nghix wahdi,u ghidt bejni u bejn ruhi,issa jien bhali x'noghqod naghmel hawn wahdi. |
| Sor Luk | (Wehidha)Da zgur,u gejt hawn biex naghmlulek kumpanija ahna. |
| Sindku | Skuzi,ma fhimtekx sor,ghidtli xi haga? |
| Madre | Sor Lukrezja nahseb li hutna s-sorijiet ghandhom bzonn l-ghajnuna,mhux ahjar tmur,forsi tghinhom ftit. |
| Sindku | Isma Madre jekk fil-kas immur u nerga nigi aktar tard,ghax nahseb li skomodajtkom hux? |
| Madre | Issa la gejt tista toghqod,le le ma jimpurtax sur-sindku,sor ara jekk irridx xi haga s-sindku. |
| Sor Luk | U bhal issa m'ghadux il-hin jew biex jibda jixrob min issa s-sur sindku,hux veru sur-sindku? |
| Sindku | Nghidlek is-sew ghadi aptit ftit kafe'kieku,imma ma jimpurtax jien ma gejtx hawn biex niehu l-kafe',mhux hekk sor(jidhaq) |
| Madre | Mur ghamillhu ftit kafe sor lis-sindku,jekk jogbok. |
| Sor Luk | Iswed jew bil halib tridu l-kafe'sur sindku? |
| Sindku | Iswed jekk jogbok,u itfali tlieta zokkor jekk ma jimpurtax. |
| Sor Luk | Kemm ma fikx hobz sur-sindku. |
| Sindku | Le le hobz maridtx,ghax nghidlek is-sew qed noghqod ftit attent mimhabba l-piz zejjed,grazzi daqs li kieku hadt. |
| Sor Luk | Ahjar immur ghax se jqabizili dan(thares lejn sant Antnin tohrog) |
| Sindku | Jaqaw xi ftit nervuza din is-soru madre? |
| Madre | U uuuu le sur-sindku x'nervuza,min sor-Lukrezja?(tidhaq) Dik ghadek lanqas taf kemm hi kalma,dik ghanda habta taghmel lil haddiehor nervus. |
| Sindku | Bsartu jien,dik taf ghalfejn taghmel hekk?Ghax tant tkun trid taghmel kollox ezatt li tibda tarrex u tara,u qabel ma tkun taf kollox mill l-A sa zeta ma taghmel xejn. |
| Madre | Issa qed tghid sew,qabel ma tkun taf kollox ma tkunx kuntenta,sew qed tghid,sew qed tghid sur-sindku. |

| | |
|---|---|
